# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA**
**AĠENT PRESIDENT**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**
**ONOR. IMĦALLEF MARK SIMIANA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 21 ta' Jannar, 2025.**

**Numru 1**

**Rikors numru 165/2022/1 LM**

**Peter sive Pierre Falzon u martu Helen sive Elenita Falzon**

**v.**

**L-Avukat tal-Istat u b'digriet tat-13 ta' Mejju, 2022, ġew imsejħa fil-kawża Francis Mamo, Nicolina Mamo, l-Av. Dr. Robert Zammit u r-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell tal-atturi miżżewġin Falzon minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) nhar is-6 ta' Diċembru, 2023, li permezz tagħha ċaħdet it-talbiet attriċi.

**Daħla**

2. B'rikors tat-23 ta' Marzu, 2022 l-atturi ppremettew li huma kienu partijiet fil-kawża li ġġib in-numru 277/2018 quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li nqatgħet nhar it-28 ta' Jannar 2021. Ifissru li huma appellaw b'suċċess minn din is-sentenza u permezz tad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell tas-26 ta' Mejju 2021, l-istess sentenza tħassret u l-atti ntbagħtu lura quddiem l-Ewwel Qorti sabiex tissokta bis-smigħ tal-kawża. Il-Qorti tal-Appell ikkundannat lill-konvenut f'dawk il-proċeduri jħallas l-ispejjeż taż-żewġ istanzi.

3. Jissoktaw jgħidu li għall-appell 277/2018/1 huma kienu ppreżentaw ċedola ta' depożitu, ċedola li ġġib in-numru 145/2021, konsistenti fil-kawtela tal-appell, liema kawtela tħallset b'diffikultà kbira minnhom. Dan peress li jfissru li huma milquta minn ordni ta' iffriżar fil-konfront tagħhom u r-rikorrenti Peter sive Pierre Falzon dak iż-żmien kien jinsab detenut fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin.

4. Ir-rikorrenti jgħidu li peress li l-appell 277/2018/1 ġie deċiż favur tagħhom bl-ispejjeż kontra l-konvenuti, huma kellhom id-dritt jiżbankaw il-flus li kienu ddepożitaw in kawtela tal-appell, u ċjoè ċ-ċedola numru 145/2021. Ikomplu li fl-imsemmija proċeduri, sal-lum, l-unika taxxa li nħadmet kienet biss dik wara s-sentenza tal-Ewwel Qorti, u ċjoè s-

sentenza tat-28 ta’ Jannar 2021, abbażi ta’ liema nħadmet il-kawtela tal-appell 227/2018/1, kif jingħad f’digriet tal-Qorti tal-Appell tal-1 ta’ Diċembru 2021.

5. Jissoktaw jgħidu li l-istess kawtela tal-appell 227/2018/1 għadha depożitata fir-Reġistru tal-Qorti tal-Appell u huma ilhom jippruvaw jiżbankaw din iċ-ċedola sa minn wara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-26 ta’ Mejju 2021, iżda ripetutament ma tħallewx jagħmlu dan l-iżbank għaliex ma kinux f’pożizzjoni li jipprovdu lill-uffiċjali tar-Reġistru bit-taxxa li suppost inħarġet wara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell. Iżidu li b’kuntrast, intlaqgħet it-talba tar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali li jagħmel l-iżbank ta’ €650 mill-flus depożitati permezz taċ-ċedola numru 145/2021, u dan l-iżbank sar liberament nhar it-12 ta’ Lulju 2021, kif jixhdu d-dokumenti mehmuża mal-istess ċedola.

6. Illi l-kawża 277/2018 ġiet deċiża għat-tieni darba permezz ta’ sentenza tal-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-13 ta’ Lulju 2021, minn liema sentenza r-rikorrenti xtaqu u għadhom jixtiequ jappellaw. Jgħidu li *in vista* tal-fatt li ċ-ċedola 145/2021, konsistenti fil-kawtela għall-ewwel appell li ġie deċiż favurihom, ma ġietx żbankata minkejja diversi tentattivi u dan biss minħabba li ma nħarġet ebda taxxa uffiċjali wara l-ewwel appell, u ċjoè minħabba nuqqas da parti tal-uffiċjali nkarigati mill-ħruġ tat-taxxa għal kollox indipendenti mis-setgħa u l-volontà tagħhom, talbu sabiex

jitħallew jużaw l-istess kawtela tal-ewwel appell għat-tieni appell permezz ta' rikors. Madankollu, din it-talba ġiet miċħuda permezz ta' digriet tal-1 ta' Diċembru 2021.

7. Sussegwentement permezz ta' digriet tal-Qorti tal-Appell tas-17 ta' Jannar 2022, it-tieni appell ġie dikjarat deżert, *stante* illi, skont l-istess digriet, il-kawtela ma tħallsitx mir-rikorrenti fiż-żmien stipulat bil-liġi. Proprju l-għada, ir-rikorrenti ppreżentaw rikors ieħor fejn talbu r-revoka tal-imsemmi digriet, u li huma jiġu awtorizzati jiżbankaw iċ-ċedola numru 145/2021 u jiddepożitaw l-istess flus bħala kawtela għat-tieni appell, jew, alternattivament, li l-istess ċedola tibqa' depożitata bħala kawtela għat-tieni appell. Permezz ta' digriet tas-7 ta' Marzu 2022, il-Qorti tal-Appell ċaħdet it-talbiet magħmula f'dan l-aħħar rikors.

8. Ir-rikorrenti jisħqu li l-fatti premessi jikkostitwixxu vjolazzjoni ċara tad-dritt fundamentali għal smigħ xieraq kif imfisser fl-**Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** u fl-**Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali**, liema dritt jinkludi ġo fih id-dritt tal-aċċess għall-ġustizzja. Isostnu li l-limitazzjonijiet għad-dritt tal-aċċess m'għandhomx ikunu tali li jirristrinġu jew jirriduċu l-aċċess b'mod jew tant li jikkompromettu d-dritt fl-essenza tiegħu, u kwalunkwe limitazzjoni għandha tkun intiża għal għan leġittimu u għandu jkun hemm proporzjonalità raġonevoli bejn dan l-għan leġittimu

u l-metodu użat sabiex jintlaħaq tali għan u jgħaddu biex jirreferu għal dak li jintqal fil-paragrafu 100 tal-*Guide on Article 6 of the European Convention on Human Rights: Right to a fair trial* (*civil limb*).

9. Jissoktaw jargumentaw li nuqqas amministrattiv għal kollox indipendenti mis-setgħa u l-volontà tagħhom, u ċjoè n-nuqqas tal-ħdim tat-taxxa ma jistax jitqies bħala limitazzjoni valida għad-dritt tar-rikorrenti li jappellaw. Ifakkru li d-dritt tal-aċċess għandu jkun wieħed prattiku u effettiv. Jgħidu li għalkemm wieħed jista' jikkunsidra li ma tteħdilhomx fil-fatt id-dritt li jiddepożitaw garanzija oħra in kawtela tat-tieni appell, għaliex fit-teorija setgħu jagħmlu dan liberament u b'hekk jersqu għas-smigħ tat-tieni appell, madankollu, dan mhuwiex il-każ fil-prattika, ġaladarba kellhom ordni ta' iffriżar fil-konfront tagħhom u kienu diġà f'diffikultà sabiex iħallsu l-kawtela għall-ewwel appell.

10. Ir-rikorrenti jgħidu wkoll li huwa dubjuż ferm ukoll kemm jista' jitqies validu u f'konformità mad-dritt tal-aċċess għall-Qrati u mal-prinċipju tal-limitazzjonijiet, ir-raġunar tal-Qorti tal-Appell fid-digriet tal-1 ta' Diċembru, 2021 li bih ċaħdet it-talba li tgħodd l-ewwel kawtela għat-tieni appell, u ċjoè li *'ma jirriżultax lil din il-Qorti ebda artiklu tal-liġi li jippermetti użu ta' kawtela għal kawtela oħra'*. Bl-istess mod, ma hemm xejn fil-liġi li jipprojbixxi l-użu ta' kawtela għal kawtela oħra, u dan tenut kont tal-fatt li l-kwistjoni tittratta flus depożitati l-Qorti permezz ta' ċedola, liema flus

kellhom bi dritt jiġu ritornati lir-rikorrenti ġaladarba huma rebħu l-appell.

11. Jissoktaw jgħidu li lokalment, il-Qorti Kostituzzjonali kellha l-opportunità tiddeċiedi fuq il-kwistjoni ta' spejjeż li jxekklu d-dritt tal-aċċess għall-ġustizzja fil-kawża ***Anthony Frendo v. L-Avukat Ġenerali et***, tat-30 ta' Novembru 2001, li kienet tikkonċerna kontestazzjoni ta' stima tal-VAT quddiem il-Bord tal-Appell, liema kontestazzjoni skont il-liġi setgħet issir biss bil-ħlas ta' parti mit-taxxa in kontestazzjoni bħala depożitu. Il-Qorti Kostituzzjonali ddeċidiet billi ddikjarat id-dispożizzjoni li kienet teżiġi l-ħlas ta' tali depożitu nulla u mingħajr effett in kwantu kienet tivvjola l-**Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta** u l-**Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea**. Filwaqt li jgħidu li huwa rikonoxxut mill-Qorti Ewropea li l-kawtela għall-appell inifisha ma tivvjolax id-dritt tal-aċċess (***Tolstoy Miloslavsky v. The United Kingdom***, 1995, §§68-69 u § 74; u ***mutatis mutandis Klauz v. Croatia***, no. 28963/10, § 77).

12. Iżidu li għad li ma kienx hemm ċaħda kategorika u definittiva milli jiġu żbankati l-flus depożitati bħala garanzija għall-ewwel appell, il-fatt li ripetutament ma tħallewx jagħmlu dan l-iżbank wara li l-appell inqata' favurihom, jammonta għal ksur tad-dritt tal-aċċess, u dan speċjalment meta wieħed jikkunsidra l-fatt li r-rikorrenti kellhom jaderixxu mat-terminu stipulat skont l-**Artikolu 249(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta**. Fi kliem ieħor, għalkemm ma kien hemm ebda rifjut definittiv li r-rikorrenti

jieħdu lura flushom, ir-rifjut li jieħdu lura flushom sakemm toħroġ it-taxxa relattiva, fattur barra l-kontroll tagħhom, kellu l-effett li jxekkilhom mill-aċċess għall-ġustizzja ġaladarba kien skatta l-imsemmi terminu, u konsegwentement jammonta għal ksur tad-dritt għal smigħ xieraq skont l-**Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** u l-**Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea**.

13. Ir-rikorrenti jkomplu li mingħajr ħsara għal dak li qalu qabel, prinċipju ieħor li joħroġ mid-dritt għal smigħ xieraq huwa dak tal-parità tal-armi, liema prinċipju huwa intiż sabiex jintlaħaq bilanċ xieraq bejn il-partijiet f'kawża. Jgħidu li l-fatt li entitajiet tal-gvern, korporazzjonijiet pubbliċi u banek huma eżenti mill-ħtieġa li jagħmlu l-garanzija għall-ispejjeż tal-kawża, *ai termini* tal-Artikolu **249(4) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** joħloq diskriminazzjoni netta bejn il-gvern u speċjalment il-banek fuq naħa u l-individwu fuq naħa oħra u jxejjen il-prinċipju tal-parità tal-armi. Isostnu li huwa minnu li l-Qorti Ewropea tirrikonoxxi li ċertu entitajiet pubbliċi, bħalma huwa prosekutur pubbliku, huma responsabbli li jiddefendu l-interess ġenerali u li għaldaqstant, kundizzjonijiet formali differenti u termini differenti għall-preżentata tal-appell għall-Gvern minn dawk stipulati għall-individwu mhux neċessarjament jivvjolaw il-prinċipju tal-parità tal-armi. Dan japplika jekk kemm-il darba l-individwu xorta waħda jitħalla jagħmel użu sinifikanti mir-rimedju li għandu għad-dispożizzjoni tiegħu.

14. Jissoktaw jgħidu li madankollu, l-eżenzjoni stipulata fl-**Artikolu 249(4) tal-Kapitolu 12** tinkludi mhux biss il-Gvern ta' Malta iżda wkoll il-Bank Ċentrali u banek lokali liċenzjati skont l-Att dwar il-Kummerċ Bankarju u 'korporazzjonijiet pubbliċi' mingħajr ebda kwalifiki jew eċċezzjonijiet, li lkoll ma jistgħux b'mod awtomatiku jitqiesu bħala difensur tal-interess pubbliku. B'żieda ma' dan, is-subartikolu (5) tal-Artikolu 249 jawtorizza lill-Ministru responsabbli għall-ġustizzja li jestendi l-eżenzjoni msemmija 'lil kull kategorija oħra ta' persuni jew ta' korpi'. Bl-istess mod, dan ċertament ma jinkwadrax fl-ambitu tad-deroga mill-prinċipju tal-parità tal-armi intiża a favur tas-salvagwardjat tal-interess pubbliku.

15. Illi r-rikorrenti jgħidu li għaldaqstant il-fatt li r-rikorrenti kienu u qed ikunu mġiegħla jagħmlu kawtela għall-appell huwa appuntu diskriminatorju meta wieħed iqis li entitajiet u persuni oħra, li r-*raison d'être* tagħhom mhux neċessarjament taqa' taħt il-kappa tal-interess pubbliku, u li jistgħu faċilment isibu ruħhom f'diffikultà biex iħallsu l-ispejjeż tal-kawża bħal kull ċittadin privat huma eżenti milli jagħmlu tali kawtela. Dan tenut kont tal-pożizzjoni finanzjarja tar-rikorrenti u r-restrizzjonijiet li jinsabu milquta minnhom u għaldaqstant, fiċ-ċirkostanzi anke suġġettivi tal-każ, il-ħlas bilfors tal-kawtela, u saħansitra ta' kawtela doppja, għandu fil-fatt l-effett li jxekkel l-aċċess għall-ġustizzja bi ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti.

16. Kien għalhekk li r-rikorrenti fetħu din il-kawża u talbu lill-Qorti sabiex:

> *«1. Pendente lite tordna s-sospensjoni tal-effetti tas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet Peter sive Pierre Falzon et vs Francis Mamo et (Rik Ġur 277/2018) tat-13 ta' Lulju 2021.*
>
> *2. Tiddikjara li r-rikorrenti bl-aġir tal-intimat sofrew u qed isofru ksur tad-dritt tagħhom għall-aċċess għall-ġustizzja u għal smigħ xieraq ai termini tal-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali.*
>
> *3. Tiddikjara li l-ħtieġa tal-kawtela ai termini tal-Artikolu 249(1) hija diskriminatorja u li tivvjola d-dritt tar-rikorrenti għall-aċċess għall-ġustizzja u għal smigħ xieraq ai termini tal-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali.*
>
> *4. Tagħti lir-rikorrenti dawk ir-rimedji kollha li jidhrilha xierqa sabiex jiġu kkumpensati għall-ksur soffert minnhom tad-drittijiet tagħhom.»*

17. L-Avukat tal-Istat appellat wieġeb permezz tar-risposta tal-10 ta' Mejju, 2022:

> *«1. Illi fl-ewwel lok, stante li l-ewwel talba rikorrenti titlob is-sospensjoni tal-effetti tas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nru. 277/2018, l-esponent umilment jissottometti li jkun opportun li kull parti fil-kawża nru. 277/2018 għandha tiġi kjamata fil-kawża billi hemm lok li d-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti direttament tolqot id-drittijiet privati ta' dawk il-partijiet. Għaldaqstant, sabiex il-ġudizzju jkun wieħed integru, għandhom jiġu kjamati fil-kawża Francis Mamo, Nicolina Mamo, l-Av. Dr. Robert Zammit u r-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali;*
>
> *2. Illi l-kjamat in kawża tal-partijiet fil-kawża nru. 277/2018 hija wkoll meħtieġa in vista wkoll tal-fatt li, għalkemm mhux espress fit-talbiet, l-esponenti qiegħed jantiċipa li r-rimedju li jista' jintalab senjatament permezz tar-raba' talba rikorrenti ser ikun tali li jaffettwa dawk il-proċeduri u/jew is-Sentenza stess (u dan b'ħarsa biss lejn l-10 premessa tar-rikors promotur);*
>
> *Eċċezzjonijiet għall-ewwel talba rikorrenti :-*
> ***3.** Illi l-ewwel talba, li l-esponenti jifhem li hija talba għal miżura provviżorja, għandha tiġi miċħuda. Dan għaliex il-miżuri proviżorji*

*m'għandhomx ikunu r-regola kull meta jkun hemm allegazzjoni ta' ksur tal-jeddijiet fundamentali. Fiċ-ċirkostanzi odjerni* ***ma hemm l-ebda kwistjoni urġenti jew tant straordinarja li hija ta' theddid fuq il-ħajja jew l-inkolumità fiżika tal-persuna li tiġġustifika l-ħruġ ta' miżura provviżorja****, skont il-ġurisprudenza tal-Qrati kostituzzjonali tagħna;*

***4.*** *Illi, anzi, it-talba tar-rikorrenti għas-sospensjoni provviżorja tal-effetti tas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nru. 277/2018 tat-13 ta' Lulju, 2021 (li ċaħdet it-talba tagħhom għal dikjarazzjoni tan-nullità tal-bejgħ b'subbasta) mhi xejn ħlief tentattiv biex jitwaqqaf il-bejgħ li sar fl-atti tas-subbasta nru. 70/12 fl-ismijiet* Francis Mamo u martu Nicolina Mamo v. Pierre Falzon u martu Helen sive Elenita Falzon. *Però dan il-****bejgħ seħħ diġà fil-25 ta' Mejju 2017, u pendenti l-proċeduri nru. 277/2018 qatt ma ntalab u wisq inqas ingħata xi provvediment tal-Qrati li jissospendi l-bejgħ b'subbasta****. Dan il-fatt waħdu juri biċ-ċar li l-ewwel talba għas-sospensjoni tas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nru. 277/2018 mhijiex mistħoqqha;*

***5.*** *Illi apparti minn hekk, is-sentenza nru. 277/2018, li qed tintalab is-"sospensjoni" tagħha, hija res judicata. Peress li l-ġudikat huwa l-mera tal-verità fih misjuba – res judicata pro veritate habetur, huwa ma jafx eċċezzjonijiet u huwa dak li hu sakemm ma jiġix annullat.* ***Għaldaqstant, huwa inkonċepibbli li l-ġudikat u l-effetti tiegħu jista' jiġi sospiż anke jekk provviżorjamen****t;*

*Eċċezzjonijiet għat-tieni talba:-*

***6.*** *Illi sa fejn it-tieni talba tar-rikorrenti li tilmenta mill-"aġir tal-intimat" qed tirreferi għal xi "nuqqas amministrattiv …cjoé n-nuqqas tal-ħdim tat-taxxa" (ara l-premessa 18 tar-rikors promotur), l-esponent jeċċepixxi li huwa* ***mhuwiex l-leġittimu kuntradittur*** *għal tali talba. Dan peress li l-intimat Avukat tal-Istat ma jieħu l-ebda deċiżjoni amministrattiva rigward il-ħdim tat-taxxa, wisq anqas ħa tali deċiżjoni fil-konfront tar-rikorrenti. Il-legittimu kuntradittur fil-kuntest ta' tali allegat agir huwa r-Registratur, Qrati Civili u Tribunali.* ***Għaldaqstant it-tieni talba ma tistax tintlaqa' ladarba lanqas biss jeżisti "aġir tal-intimat" fil-kuntest tal-partijiet f'din il-kawża li tista' titkellem fuqu****;*

***7.*** *Illi in konsegwenza ta' dak fuq eċċepit, l-esponent jeċċepixxi li huwa* ***mhuwiex il-leġittimu kuntradittur*** *għat-tieni talba anke in vista ta' dak li jipprovdi* ***l-artikolu 181B tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċeduri Ċivili****, u speċjalment is-subartikolu (2) li jgħid: "L-Avukat tal-Istat jirrappreżenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet ġudizzjarji li minħabba n-natura tat-talba ma jkunux jistgħu jiġu diretti kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-oħra tal-Gvern." Jekk permezz tat-tieni talba tagħhom ir-rikorrenti qed jilmentaw minn aġir amministrattiv li sar fil-konfront tagħhom mela huma kien jeħtiġilhom jinidirizzaw dak l-ilment kontra l-kap tad-dipartiment li kien inkarigat fil-materja in kwistjoni u* ***l-Avukat tal-Istat għandu għaldaqstant jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju****;*

***8.** Illi bla preġudizzju għal dak ġa eċċepit, fi kwalunkwe każ it-tieni talba rikorrenti hija infondata fil-fatt u fid-dritt u dan peress li ma saret l-ebda leżjoni ta' xi dritt protett bl-**artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea** u/jew tal-**artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni**. Dan għaliex ir-rikorrenti m'għandhomx raġun meta jinsistu li ċ-ċedola nru. 145/2021 ma ġietx sbankata għax, skonthom, kienet għadha ma ġietx maħduma t-taxxa tal-ispejjeż tal-appell l-ieħor deċiż fis-26 ta' Mejju, 2021. Għall-kuntrarju, kif ser jirriżulta, iċ-ċedola nru. 145/2021 ma setgħetx tiġi sbankata għax din kienet milquta b'ordni ta' iiffriżar. **Għaldaqstant it-tieni talba rikorrenti timmerita li tiġi miċħuda**;*

***9.** Illi in konsegwenza ta' dak fuq premess, stante li fit-tieni talba tagħhom ir-rikorrenti jilmentaw minn xi aġir amministrattiv li skonthom ippreġudikahom, huma kien messhom ressqu l-proċeduri appożiti biex jimpunjaw tali deċiżjonijiet amministrattivi li kienu indirizzati lejhom, jew tal-anqas sabiex il-flus depożitati permezz taċ-ċedola nru. 145/2021 ma jintlaqtux bl-ordni tal-iiffriżar, u mhux jinqdew bi proċeduri kostituzzjonali biex jagħmlu dan. Għaldaqstant, **ir-rikorrenti naqsu milli jeżawrixxu r-rimedji ordinarji li huma disponibbli għalihom in kwantu t-tieni talba tagħhom.***

***10.** Illi għat-tielet talba tar-rikorrenti, li tallega li l-ħtieġa tal-kawtela tal-appell tilledi id-drittijiet għas-smigħ xieraq u għall-aċċess tal-qrati kif protetti bl-**artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewoprea** u/jew tal-**artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni**, l-esponent jeċepixxi li din hija wkoll infondata fil-fatt u fid-dritt u dan kif ser jiġi eċċepit sussegwentement;*

***11.** Illi fl-ewwel lok, mill-atti tal-proċeduri nru. 277/2018 jirriżulta li kuntrarjament għal dak allegat mir-rikorrenti, **il-liġi tathom aċċess indisturbat għal rimedju quddiem il-Qrati, senjatament huma fil-fatt intavolaw appell** mis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili Civili nru. 277/2018 tat-13 ta' Lulju, 2021. Dan il-fatt fih innifsu jipprova li ma kien*
*hemm xejn x'iżomm lir-rikorrenti milli jaċċedu għall-Qorti tal-Appell sabiex tikkunsidra u tiddeċiedi l-aggravji tagħhom;*

***12.** Illi fit-tieni lok, **id-dritt tal-aċċess għall-ġustizzja jista' jkun ċirkoskritt jew regolat b'dispożizzjonijiet proċedurali**. Għaldaqstant il-ħtieġa li tingħata garanzija għall-ispejjeż tal-appell fiha nfisha ma tistax titqies li tilledi d-dritt tal-aċċess għal ġustizzja bħala attribut tad-dritt għal smigħ xieraq u għalhekk l-esponent umilment jisħaq li dan id-dritt ġie debitament sodisfatt fil-każ odjern minkejja l-ħtieġa li tingħata garanzija mir-rikorrenti;*

***13.** Illi fit-tielet lok, diġà hija ġurisprudenza konsistenti u stabbilita (kemm fil-Qrati Malti kif ukoll fil-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem) li ħtieġa ta' garanzija għall-ispejjeż tilledi biss id-dritt tal-aċċess tal-ġustizzja **biss jekk l-ammont tal-garanzija mitlub ikun tant eċċessiv li fattwalment u effettivament ħonoq għal kollox l-aċċess tal-***

***individwu għal rimedju ġudizzjarju**. Dan mhuwiex il-każ fil-fatti odjerni għax il-liġi Maltija ħasbet biex anke min ma jkollux kapaċità finanzjarja biżżejjed ikollu mezzi oħra għall-aċċess tal-qrati, bħalma huma:*

*i. li r-rikorrenti setgħu kkontestaw il-komputazzjoni tal-ammont tal-kawtela jekk dehrilhom li din kienet żbaljata;*
*ii. li l-kawtela għall-appell intavolat mir-rikorrenti setgħet ġiet provduta minn terzi għax **l-artikolu 249 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, u senjatament is-subartikolu (2) tiegħu**, imkien ma kien jobbliga lir-rikorrenti joħorġu l-flus huma stess basta li tkun saret garanzija għall-ispejjeż tal-appell – tajjeb li jiġi rilevat illi fil-każ odjern il-kawtela ma kenitx xi waħda eżorbitanti li ma setgħetx raġonevolment tigi provduta minn terzi;*

*iii. li r-rikorrenti setgħu jipprovdu l-kawtela billi joħorġu garanzija bankarja skont ma jippermetti l-**artikolu 249(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** jekk huma ma kellhomx flus likwidi;*

*iv. li r-rikorrenti setgħu wkoll talbu li jagħtu l-garanzija bil-cautio juratoria skont l-**artikolu 904 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**;*

*Għaldaqstant il-ħtieġa tal-garanzija għall-ispejjeż bl-ebda mod ma tista' titqies li hija eċċessiva jew li din effettivament ħonqot l-aċċess għall-ġustizzja tar-rikorrenti;*

***14.** Illi fir-raba' lok u konsegwentement għal dak fuq eċċepit, ma kienx it-tħaddim tal-artikolu 249 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li wassal għad-deżerzjoni tal-appell tar-rikorrenti iżda anzi **kienu r-rikorrenti stess li rrinunzjaw għall-proċedura meta għażlu li ma jħallsux il-garanzija mitluba u lanqas biss indenjaw ruħhom jużaw modalitajiet oħra biex tingħata l-garanzija;***

***15.** Illi b'konsegwenza ta' dak premess fl-eċċezzjonijiet preċedenti, stante li fit-tielet talba tagħhom ir-rikorrenti jilmentaw mill-ħtieġa li huma jiddepożitaw flus in kawtela tal-appell tagħhom għax ma kinux finanzjarjament kapaċi, huma kien messhom użufruxxew rwieħhom mill-mezzi l-oħra li bihom setgħu kkawtelaw l-appell tagħhom biex jaċċessaw il-Qrati u mhux jinqdew bi proċeduri kostituzzjonali biex jagħmlu dan. Għaldaqstant, **ir-rikorrenti naqsu milli jeżawrixxu r-rimedji ordinarji li huma disponibbli għalihom in kwantu t-tielet talba tagħhom;***

*Eċċezzjonijiet għat-tielet talba mil-lenti tal-ilment dwar diskriminazzjoni:-*
***16.** Illi isa fejn it-tielet talba tilmenta li l-ħtieġa tal-kawtela skont l-artikolu 249(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili hija diskriminatorja, ir-rikorrenti għandhom jindikaw fuq liema artikolu tal-*

*Liġi qegħdin jibbażaw tali lment u wara li jagħmlu dan, l-esponent qiegħed minn issa jirriżerva id-dritt illi jagħmel eċċezzjonijiet ulterjuri skont il-każ;*

*Eċċezzjonijiet għar-raba' talba:-*

***17.*** *Illi fl-aħħarnett, jekk permezz tar-raba' talba tagħhom ir-rikorrenti qed jippretendu li din l-Onorabbli Qorti għandha terġa' tagħtihom opportunità jappellaw is-sentenza tal-prim'istanza tat-13 ta' Lulju, 2021 tali talba hija improponibbli. Kif diġà ingħad il-ġudikat huwa l-mera tal-verità fih misjuba – res judicata pro veritate habetur, għalhekk huwa ma jafx eċċezzjonijiet u huwa dak li hu sakemm ma jiġix annullat.* ***Huwa inkonċepibbli li sentenza res judicata tista' tiġi iddisturbata anke jekk minn din l-Onorabbli Qorti li għandha setgħat kostituzzjonali;***

***18.*** *Illi fl-istess vena anke jekk għall-argument, u dan għall-argument biss, din l-Onorabbli Qorti kellha ssib li saret leżjoni tal-**artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea** u/jew tal-**artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni** fil-konfront tar-rikorrenti, tali dispożizzjonijiet ma jagħtu l-ebda dritt għall-ftuħ mill-ġdid ta' proċeduri ġudizzjarji res judicata anke ta' dawk il-proċeduri li jkunu milquta b'xi leżjoni tad-dritt għal smigħ xieraq ;*

***19.*** *Illi, dejjem sabiex tiġi indirizzata r-raba' talba, jekk ir-rikorrenti qegħdin jippretendu xi forma ta' kumpens, dan qiegħed jiġi debitament kontestat.*

***20. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.***

*Għaldaqstant fid-dawl ta' dawn ir-raġunijiet l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrenti bl-ispejjeż kontra tagħhom.»*

18. L-imsejjaħ fil-kawża l-Avukat Dottor Robert Zammit wieġeb permezz ta' risposta tad-9 ta' Ġunju, 2022 u eċċepixxa:

*«i. Illi d-domandi attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li hu fattwuż illi r-rikorrenti jippretendi li qed jsofri minn ksur ta' dritt għall-aċċess għall-ġustizzja u għal smigħ xieraq ai termini tal-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea meta huwa ttenta li jwaqqaf proċediment konkjuż ta' subbasta tax-xiri tal-proprjetà Villa Fusina, Triq George Zammit, Attard, u dan skont sentenza kkonfermata fil-Qorti tal-Appell fil-kawża rikors Nru. 386/2018JZM fl-ismijiet Avukat Dottor Robert Zammit vs Pierre Falzon et, deċiża fl-24 ta' Mejju 2018 li kopja tagħha qed tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dokument RZ1 fl-ismijiet li ċaħdet it-talbiet tal-istess Pierre Falzon u martu u uliedu fejn ittentaw jwaqqfu l-iżgumbrament maħruġ kontra tagħhom b'digriet tal-5 ta' April 2018 fl-atti tal-mandat ta'*

*Żgumbrament numru 497/2018 fl-ismijiet 'l-Avukat Dottor Robert Zammit vs Pierre Falzon', fejn il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili laqgħet it-talba tal-Avukat Robert Zammit għall-iżgumbrament tal-esponenti mill-fond 'Villa Fusina', Triq George Zammit b'entratura oħra fi Triq il-Gradilja, Attard; Illi l-proprjetà kient soġġetta għal irkant u l-irkant sar fil-bini tal-Qorti fil-25 ta' Mejju 2017 u l-Avukat Robert Zammit kien l-unika offerrent.*

*ii. Illi din is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili ġiet ikkonfermata b'sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-13 ta' Lulju 2018, skont Dokument RZ2 hawn anness.*

*iii. Illi l-iskrizzjoni tal-liberazzjoni fir-Registru Pubbliku saret permezz ta' nota ta' iskrizzjoni datata 2 ta' Novembru 2017;*

*iv. Illi llum il-gurnata l-proprjetà in kwistjoni hija fil-pussess sħiħ tal-kjamat in kawża Robert Zammit u għalhekk kull azzjoni tentata kontra l-Avukat tal-Istat hija res inter alios acta in konfront tal-istess Robert Zammit, stante illi huwa qed jgodi l-proprjetà minnu akkwistata tramite subbasta u konsegwentement mandat ta' żgumbrament debitament deċiż mill-Qorti tal-Appell skont Dokument RZ1.*

*v. Illi l-azzjoni tar-rikorrenti Peter sive Pierre Falzon et stante li kienux mħollija jiżbankaw ċedola 145/2021, minkejja li kellu maħruġ kontra tiegħu ordni tal-iiffriżar, anke jekk għall-grazzja tal-argument r-rikorrent jippretendi li għandu raġun, abbażi tal-principju error iudicis error partis, ma jistax l-intimat jippretendi kumpens, iktar u iktar meta huwa stess qed jammetti illi l-assi tiegħu kienu maqbuda minn ordni ta' iffriżar.*

*vi. Illi għalhekk, l-iżbank tal-kawtela miċħuda minn din il-Qorti diversament preseduta bl-ebda mod ma jagħti drittijiet lir-rikorrenti li jittenta li jintavola appell wara li dan ġie degretat deżert skont Dokument E fil-proċess.*

*vii. Illi l-fatt stess li l-appell ġie dikjarat deżert fis-17 ta' Jannar 2022 u kkonfermat mill-Qorti tal-Appell fis-7 ta' Marzu 2022, dokument G fil-proċess, ingħalqu definittivament il-proċeduri li talvolta kellu l-istess rikorrenti stante illi huwa instema' diversi drabi minn dawn il-Qrati, però id-digrieti ta' dawn il-Qrati m'għoġbuhx u jippretendi li għandu via oħra li jitlob ksur tad-dritt għall-aċċess għall-ġustizzja u għal smigħ xieraq meta l-ġustizzja huwa rrikora għaliha imma sfortunatament għalih it-talbiet tiegħu ma ġewx milqugħa. Anke jekk dan għall-grazzja tal-argument sar żbaljatament, il-prinċipju ta' error iudicis error partis japplika fil-każ in eżami u r-rikorrenti għandu jibqa' sokkombenti ai termini tal-istess Liġi.*

*viii. Illi għalhekk it-talbiet tar-rikorrenti in konfront tal-istess kjamat in kawża Avukat Dottor Robert Zammit ma jistgħu qatt isibu sostenna stante li huwa mhuwiex l-Istat u huwa l-Istat li jrid jirrispondi għal-lanjanzi kostituzzjonali, kif ġie deċiż diversi drabi minn dawn il-Qrati.*

*ix. Illi dan il-ksur ta' dawn id-drittijiet fundamentali pretiżi mill-istess rikorrent huwa l-Istat li jrid jirrispondi għalihom u l-kjamat in kawża Zammit m'għandu l-ebda locus standi in konfront tar-rikorrenti u għandu jiġi lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju.*

*x. Illi għall-kjamat in kawża Zammit, il-kwistjoni odjerna hija magħluqa, ix-xiri mis-subbasta konkjuż leġittimament u skont il-Liġi, tant illi l-Qorti tal-Appell ordnat l-iżgumbrament tal-istess intimati mill-fond in kwistjoni, it-taxxa fuq dokumenti tħallset fuq it-trasferiment liberat favur l-istess kjamat in kawża, il-prezz ġie depożitat fir-Reġistru ta' dawn il-Qorti, u l-kredituri tal-istess Falzon ossia Francis u Nicolina Mamo tħallsu tal-krediti dovuti lilhom mill-istess rikorrent, u kwalsiasi bilanċ huwa depozitat, jekk jeżisti, fir-Registru tal-Qorti.*

*xi. Salv eccezzjonijiet oħra u bl-ispejjeż.»*

19. L-imsejħin fil-kawża Francis Mamo u Nicolina Mamo wieġbu permezz ta' risposta tas-17 ta' Ġunju, 2022 u eċċepew:

*«1. Preliminarjament, it-talba tar-rikorrenti biex din il-Qorti tordna s-sospensjoni tal-effetti tas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet* Peter sive Pierre Falzon et vs Francis Mamo et *(Rik Gur 277/2018) tat-13 ta' Lulju 2021 hija fattwalment u legalment infondata u għandha tiġi miċħuda.*

*2. Is-sentenza msemmija għaddiet f'ġudikat wara li r-rikorrenti nfushom naqsu li jsegwu l-proċeduri stabbiliti, u li jużaw il-mezzi disponibbli għalihom, biex jappellaw u jikkontestawha skont il-liġi.*

*3. F'kull każ, il-miżura provviżorja li qed jitolbu r-rikorrenti ma jista' jkollha ebda effett prattiku, lanqas għall-istess rikorrenti. Is-sentenza li tagħha qegħdin jitolbu s-sospensjoni provviżorja kienet ċaħdet it-talba tar-rikorrenti biex il-Qorti tiddikjara l-bejgħ b'irkant ġudizzjarju tal-fond Villa Fusina, f'Attard, ma jiswiex u għalhekk għandu jitqies bħala null u bla effett. Is-sospensjoni ta' din is-sentenza għalhekk ma tbiddel xejn għaliex il-bejgħ fl-irkant diġà sar u jibqa' validu kif kien qabel is-sentenza u kif baqa' anke wara.*

*4. Fil-kawża* ***Anna Vassallo et vs Avukat tal-Istat*** *(fn. 1 Anna Vassallo vs Avukat tal-Istat : PA (Kost), 24.09.2021.) din il-Qorti, diversament preseduta, spjegat il-prinċipji legali li jirregolaw il-ħruġ tal-ordnijiet ta' miżuri provviżorji kif joħorġu mill-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna u b'riferenza għad-deċiżjonijiet tal-Qorti Ewropea:*

*(i) Il-miżuri provviżorji huma maħsuba biex iżommu milli ssir ħsara li ma tissewwiex lil vittma ta' ksur ta' jedd fundamentali b'tali mod li ma jsir*

*xejn li jista' jxejjen jew inaqqas mill-awtorità u l-effikaċja tas-sentenza li tingħata dwar l-istess ilment;*

*(ii) Biex jista' jingħata rimedju provviżorju, jeħtieġ li min jitolbu, juri li hemm każ* 'prima facie' *ta' ksur ta' jedd fundamentali u li n-nuqqas tal-għoti tal-miżura provviżorja sejra ġġib ħsara li ma titreġġax lura;*

*(iii) L-għoti ta' provvediment provviżorju f'kawża ta' allegat ksur ta' jedd fundamentali jitlob li jintwerew ċirkostanzi eċċezzjonali li jagħmluh meħtieġ;*

*(iv) L-għoti tar-rimedju provviżorju ma għandu qatt* jingħata *b'mod li jippreġudika l-mixi nnifsu tal-proċedura li fiha jintalab.*

*5. Fil-każ prezenti, ma jirrizulta ebda każ prima facie ta' ksur ta' jedd fundamentali. Għall-kuntrarju,* prima facie *jirriżulta li r-rikorrenti kellhom disponibbli mezzi ordinarji biex jikkontestaw u jappellaw is-sentenza li qed jitolbu li tigi sospiża, bħalma għandu kull min iħossu aggravat b'sentenza tal-Qorti jew Tribunal ta' Prim Istanza, u kienu l-istess rikorrenti li naqsu li jagħmlu dan.*

*6. Mingħajr preġudizzju, u preliminarjament ukoll, din il-Qorti għandha tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha taħt il-Kostituzzjoni ta' Malta, jew l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, ai termini tal-proviso tal-**artikolu 46(2)** tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-proviso tal-**artikolu 4(2)** tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta) billi r-rikorrenti kellhom disponibbli favur tagħhom, mezzi xierqa ta' rimedju għall-ilment li qegħdin jagħmlu f'dawn il-proċeduri.*

*7. Ir-rikorrenti kellhom dritt jappellaw mis-sentenza tat-13 ta' Lulju 2021, kif fil-fatt għamlu, u kellhom ukoll il-mezzi biex jipprosegwixxu b'dak l-appell.*

*L-obbligu li jagħtu garanzija għall-ispejjeż tal-appell, kif jgħidu l-istess rikorrenti, ma joħloqx ostakolu għall-aċċess lill-Qorti, anke tenut kont li l-ammont involut mhuwiex wieħed kbir. F'kull każ, anke jekk verament ir-rikorrenti kellhom diffikultà biex jagħmlu dak il-ħlas, kellhom xorta waħda mezzi legali biex jitolbu li jiġu eżentati minn dak il-ħlas, talba li huma baqgħu ma għamlux.*

*Ir-rimedju tad-drittijiet fundamentali ma jistax jagħmel tajjeb għan-nuqqas tar-rikorrenti li jużaw tempestivament il-mezzi ordinarji, disponibbli lilhom.*

*8. Fil-mertu t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fil-liġi. Ir-rikorrenti jirrikonoxxu li kellhom il-jedd li jappellaw mis-sentenza tat-13 ta' Lulju 2021, tant li effettivament intavolaw l-appell tagħhom regolarment quddiem il-Qorti tal-Appell. Kienu huma stess li naqsu li jipprosegwixxu bl-appell tagħhom billi jagħmlu d-depożitu tal-kawtela,*

*jew jitolbu li jiġu eżentati minn dan il-ħlas għal raġunijiet validi, skont il-liġi.*

*L-obbligu tal-kawtela għal min jappella huwa għan leġittimu u fih innifsu ma joħloqx ostakolu għall-aċċess quddiem il-Qorti.*

*L-ammont involut f'dan il-każ* anqas ma huwa xi wie*ħed projbittiv jew li r-rikorrenti ma setgħux raġonevolment ilaħħqu miegħu, jew direttament jew permezz ta' terzi.*

*Ir-rikorrenti setgħu wkoll jużufruwixxu mill-possibilità* li ji*ġu eżentati mill-ħlas billi jitolbu li jagħtu garanzija tal-ispejjeż tal-appell bil-ġurament fit-termini tal-artikolu 249 tal-Kodici ta' Proċedura Ċivili.*

*9. Anqas ma huwa l-każ li l-obbligi tal-garanzija tal-ispejjeż tal-appell huwa diskriminatorju.*

*Il-kawtela hija intiża biex tipproteġi il-jedd tal-ħlas ispejjez tar-Reġistratur tal-Qorti u tad-drittijiet tal-avukat tal-parti l-oħra fil-kawża f'każ* ta' e*żitu negattiv tal-appell. Kjarament, il-leġislatur ried jassigura li din il-garanzija tkun waħda effettiva, jew bi ħlas ta' flus likwidi jew b'garanzija tajba ta' istituzzjoni finanzjarja. Dan huwa għan leġittimu. Fil-każ tal-Gvern jew istituzzjonijiet finanzjarji eżentati, kjarament ma hemmx bżonn ħa li l-ħlas li jista' jkun dovut wara li jiġi deċiż l-appell ma jsirx. Dawn l-istituzzjonijiet diġà* huma regolati b'mod li l-*ħlas eventwali diġà* g*ħalhekk huwa garantit.*

*10. Għaldaqstant għar-raġunijiet premessi u dawk kollha li jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża, it-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż* kontra tag*ħhom.»*

20. B'sentenza mogħtija fis-6 ta' Diċembru, 2023, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ddeċidiet hekk:

*«Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi billi (a) tilqa' s-sitt u s-seba' eċċezzjoni tal-intimat Avukat tal-Istat, billi tiddikjara li huwa mhuwiex leġittimu kuntradittur, u għaldaqstant teħilsu mill-osservanza tal-ġudizzju; (b) tiċħad it-tmien u d-disa' eċċezzjoni tal-imsejjaħ fil-kawża Zammit, u tilqa' l-kumplament tal-eċċezzjonijiet tiegħu; (ċ) tastjeni milli tikkunsidra l-ewwel erba' eċċezzjonijiet tal-imsejħin fil-kawża Mamo stante l-ordni għas-sospensjoni rikjesta pendente lite li kienet ingħatat minn din il-Qorti fit-13 ta' Mejju, 2022, tiċħad il-ħames u s-sitt eċċezzjoni tagħhom, u tilqa' l-kumplament tal-eċċezzjonijiet tagħhom; (d) Tiċħad it-tieni, it-tielet u r-raba' talba tar-rikorrenti, filwaqt li tirrevoka contrario imperio id-digriet tagħha tat-13 ta' Mejju, 2022 għas-sospensjoni pendente lite tal-effetti tas-sentenza tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fl-ismijiet*

*Peter sive Pierre Falzon et vs. Francis Mamo et (Rik. Ġur. Nru. 277/2018) tat-13 ta' Lulju, 2021.*

*Bl-ispejjeż kollha tal-proċedura odjerna kontra r-rikorrenti.»*

21. Ir-raġunijiet li wasslu lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) biex tagħti d-deċiżjoni tagħha kienu dawn:

***«Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti***

*14. Il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra t-talbiet tar-rikorrenti, u anki l-eċċezzjonijiet li qegħdin jiġu mressqa mill-intimat Avukat tal-Istat u mill-imsejħin fil-kawża rispettivament. Tibda b'hekk sabiex tikkunsidra l-eċċezzjoni preliminari tal-intimat Avukat tal-Istat li huwa mhuwiex leġittimu kuntradittur f'dawn il-proċeduri ai termini tal-artikolu 181B tal-Kap. 12. Il-Qorti tikkunsidra li d-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu huma ċari u inekwivoċi, u ma jħallux dubju li l-ilmenti tar-rikorrenti kif imfissra, m'għandhomx jitressqu quddiem din il-Qorti fil-konfront tal-intimat Avukat tal-Istat. Tagħraf li llum ġie msejjaħ ukoll fil-kawża r-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali, li skont is-subartikolu 58(4) tal-Kap. 12 għandu l-funzjoni li jmexxi r-Reġistru partikolari li għalih ġie assenjat mill-Ministru responsabbli għall-ġustizzja, u għalhekk l-ilmenti tar-rikorrenti għandhom jiġu ndirizzati lejh. Għaldaqstant il-Qorti tilqa' din l-eċċezzjoni tal-intimat Avukat tal-Istat, u tiddikjara li huwa mhux leġittimu kuntradittur, u għandu jinħeles mill-osservanza tal-ġudizzju.*

*15. L-imsejjaħ fil-kawża Zammit permezz tat-tielet eċċezzjoni tiegħu qiegħed jikkontendi li t-talbiet tar-rikorrenti fil-konfront tiegħu ma jistgħux isibu sostenn, u għandu jkun l-Istat li jwieġeb għalihom, u dan kif deċiż diversi drabi minn dawn il-Qrati. Għalhekk, permezz tad-disa' eċċezzjoni tiegħu huwa jinsisti li m'għandu l-ebda locus standi fil-konfront tar-rikorrenti, u għandu jinħeles mill-osservanza tal-ġudizzju. Iżda l-Qorti tqis li għalkemm huwa minnu li l-imsejjaħ fil-kawża Zammit m'għandux iwieġeb għall-ilmenti tar-rikorrenti miġjuba quddiem din il-Qorti, huwa għandu kull interess li jipparteċipa fil-proċeduri odjerni, għaliex l-eżitu tagħhom ser jolqtuh b'mod jew ieħor. Għaldaqstant il-Qorti ma tikkunsidrax li dawn l-eċċezzjonijiet huma ġustifikati, u tiċħadhom.*

*16. Permezz tal-ħames eċċezzjoni tagħhom, l-imsejħin fil-kawża Mamo qegħdin jissottomettu li r-rikorrenti kellhom mezzi ordinarji sabiex jikkontestaw u jappellaw is-sentenza, iżda naqsu milli jipprevalixxu ruħhom minnhom. Is-sitt eċċezzjoni tagħhom tkompli fuq dan l-argument, fejn huma qegħdin jikkontendu li din il-Qorti għandha tiddeklina milli teżerċita s-setgħat tagħha ai termini tal-proviso tas-subartikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u tal-proviso tas-subartikolu 4(2) tal-Kap. 319, għaliex ir-rikorrenti kellhom mezzi xierqa a dispożizzjoni*

*tagħhom sabiex jottjenu rimedju għall-ilment tagħhom. Iżda l-Qorti tirrileva li l-ilment tar-rikorrenti jolqot l-allegat ksur tad-drittijiet fundamentali tagħhom, liema lment jista' biss jiġi kkunsidrat mill-qrati li għandhom kompetenza li jilqgħu lmenti bħal dak odjern. Għaldaqstant il-Qorti tiċħad dawn iż-żewġ eċċezzjonijiet tal-imsejħin fil-kawża Mamo.*

*17. Fil-mertu, il-Qorti tagħraf li fl-ewwel lok ir-rikorrenti qegħdin jitolbuha sabiex tiddikjara li l-aġir tal-intimat Avukat tal-Istat wassal sabiex huma sofrew u għadhom qegħdin isofru ksur tad-dritt tagħhom għall-aċċess għall-ġustizzja u għal smigħ xieraq kif protett mis-subartikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u s-subartikolu 6(1) tal-Konvenzjoni. Iżda l-Qorti tagħraf li dawn id-dispożizzjonijiet ma joffru l-ebda protezzjoni kif qegħdin jippretendu r-rikorrenti. Tgħid li huma qegħdin iqisu li d-dritt għal aċċess għall-Qorti jħaddan ukoll id-dritt għall-appell, iżda l-Qrati tagħna, u anki l-QEDB, b'mod ċar fissru li dan mhux korrett. Għalhekk fis-sentenza tagħha tat-30 ta' Ottubru, 2015, fl-ismijiet* ***Luigia sive Louise Attard vs. L-Onorevoli Prim Ministru u l-Avukat Ġenerali****, il-Qorti Kostituzzjonali qalet:*

> *"37. Is-sentenzi tal-qorti ewropea ċitati mill-attriċi huma dwar dritt ta' aċċess għal qorti, mhux dwar dritt ta' aċċess għal istanza ta' appell. Jekk it-Tribunal jagħti garanziji biżżejjed ta' indipendenza u imparzjalità, l-aċċess għal qorti huwa mogħti permezz ta' aċċess għat-Tribunal. La l-Kostituzzjoni u lanqas il-Konvenzjoni (fn. 10 L-art. 2 tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni jagħti dritt ta' appell minn sejbien ta' ħtija f'materja kriminali.) ma jagħtu dritt fondamentali għal appell. Li tgħid il-ġurisprudenza tal-qorti ewpropea hu illi, fejn hemm dritt ta' appell mogħti mil-liġi domestika, it-tribunal fil-grad ta' appell għandu jagħti garanziji ta' smigħ xieraq (fn. 11 Ara e.g. Delcourt v. Il-Belġju, Q.E.D.B. 17 ta' Jannar 1970); dan, iżda, ma jfissirx illi għandu jkun hemm dak id-dritt ta' appell.*
> *38. Din il-qorti għalhekk ma taqbilx mal-ewwel qorti illi n-nuqqas ta' dritt ta' appell iwassal għal ksur tal-jedd għal smigħ xieraq."*

*18. Għaldaqstant l-ilment tar-rikorrenti ma jistax jitqies li huwa ġustifikat fejn huma qegħdin jippretendu li għandhom dritt fundamentali ai termini tad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u tas-subartikolu 6(1) tal-Konvenzjoni għal appell mis-sentenza tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla. Madankollu l-Qorti tagħraf li ġaladarba l-liġi tagħna tipprovdi li huma għandhom dritt jintavolaw appell quddiem il-Qorti tal-Appell (Superjuri), tikkunsidra li skont l-insenjament tal-QEDB u anki tal-Qrati Kostituzzjonali tagħna, l-Istat għandu jassikura li l-proċess huwa wieħed li joffri smigħ xieraq.*

*19. Permezz tat-tielet talba tagħhom, ir-rikorrenti qegħdin jilmentaw minn diskriminazzjoni riżultat tal-ħtieġa tal-kawtela rikjesta mis-subartikolu 249(1) tal-Kap. 12, sabiex b'hekk l-appell tagħhom ikun jiswa. Iktar kmieni fir-rikors tagħhom huma jfissru li d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu 249(4) tal-Kap. 12 joħolqu diskriminazzjoni kontrihom meta jeżentaw lill-entitajiet tal-Gvern, korporazzjonijiet pubbliċi u banek mill-ħtieġa li jippreżentaw kawtela għall-ispejjeż. Huma jikkontendu li din l-eżenzjoni twassal sabiex ixxejjen il-prinċipju tal-parità tal-armi.*

*Iżda l-Qorti tirrileva li r-rikorrenti fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom jiddikjaraw li "...fl-ebda punt ma insinwaw li ma għandux ikun hemm il-preżenza tal-kunċett tal-kawtela meta wieħed jiġi sabiex jintavola appell fil-Qrati nostrana", u b'hekk il-Qorti tifhem li huma mhumiex qegħdin jattakkaw ir-rekwiżit per se tal-kawtela kif stabbilit permezz tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 249 tal-Kap. 12. Fi kwalunkwe każ, huwa stabbilit li l-Istat għandu kull dritt li jimponi dawk il-kundizzjonijiet li jidhirlu li huma xierqa sabiex isir appell minn sentenza ta' qorti tal-ewwel istanza.*

*20. Ir-rikorrenti jkomplu jgħidu li l-ilment tagħhom huwa dwar il-mod kif ġiet applikata l-liġi min-naħa tar-Reġistratur u l-Qorti tal-Appell (Superjuri), li huma jsejħu wieħed drakonjan għall-aħħar, b'mod li ġew preġudikati d-drittijiet tagħhom. In sostenn tal-argument tagħhom, huma jagħmlu wkoll riferiment għas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tat-30 ta' Novembru, 2001, fl-ismijiet* ***Anthony Frendo vs.*** *L-Avukat Ġenerali et, li kienet tittratta l-kwistjoni tad-depożitu meħtieġ li jsir sabiex jiġi ammess appell minn stima tat-taxxa fuq il-valur miżjud quddiem il-Bord tal-Appelli. Iżda l-Qorti hawnhekk tirrileva li r-rikorrenti jammettu li huma jinsabu milquta minn ordni ta' iffriżar, u dan kif evidenti mill-Avviż nru. 1217 li deher fil-Gazetta tal-Gvern tal-21 ta' Lulju, 2015, u li kopja tagħha tinsab a fol. 98 tal-atti. Dan il-fatt waħdu, tgħid il-Qorti, għandu l-effett li jġib fix-xejn l-ilment tagħhom dwar l-applikazzjoni tal-liġi li tirrikjedi l-kawtela tal-ispejjeż bħala kundizzjoni sabiex jiġi ammess l-appell tagħhom. Tikkunsidra li ġaladarba jirriżulta li r-rikorrenti qegħdin taħt l-effetti ta' ordni ta' iffriżar maħruġa fil-konfront tagħhom b'digriet tat-13 ta' Lulju, 2015, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja, ir-Reġistratur huwa prekluż milli jirrilaxxja kwalunkwe flejjes miżmumin għandu u li jappartjenu lir-rikorrenti, jew li saħansitra jittrasferihom għal fuq kawtela oħra. Dan sakemm ma jkollux ordni mill-Qorti sabiex jagħmel mod ieħor, għaliex skont l-artikolu 5 tal-Kap. 373 ir-rikorrenti għandhom kull dritt li jintavolaw rikjesta quddiem dik il-Qorti li tkun għamlet l-ordni sabiex tvarja l-imsemmija ordni ta' iffriżar. Għalhekk ukoll, jekk il-Qorti għandha tikkunsidra li r-rikorrenti għandhom id-dritt li jiżbankaw il-flus depożitati taħt dik iċ-ċedola jew li jagħmlu użu minnhom mod ieħor, huma kienu inibiti milli jagħmlu dan minħabba l-effetti tal-ordni ta' iffriżar maħruġa fil-konfront tagħhom mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja, miżura li ttieħdet skont il-liġi. Tqis ukoll li r-rikorrenti kellhom kull opportunità li jitolbu lill-Qorti tal-Appell (Superjuri) sabiex tammettihom għall-benefiċċju tal-garanzija bil-ġurament ai termini tal-artikolu 904 tal-Kap. 12, kif jirriżulta li huma kienu għamlu fir-rigward tal-appell tagħhom fl-ismijiet* ***Pierre Falzon et vs. Anthony Borg*** *(App. Sup. 795/2013/1)21, iżda għal xi raġuni naqsu milli jagħmlu dan hawnhekk.*

*21. Dan iwassal lill-Qorti sabiex tikkunsidra l-ilment ta' diskriminazzjoni fil-konfront tal-garanzija rikjesta mil-liġi għall-fini tal-ammissjoni tal-appell quddiem il-Qorti tal-Appelli (Superjuri). Kif diġà ngħad, huwa aċċettat li l-Istat għandu kull dritt li jistabbilixxi ċerti kundizzjonijiet għall-fini ta' appell minn sentenza ta' qorti tal-ewwel istanza, u waħda*

*minnhom tirriżulta hawnhekk li hija proprju l-ħtieġa tal-kawtela min-naħa tal-appellant sakemm dan ma jkunx il-Gvern jew xi koporazzjoni pubblika jew xi bank li jkun qiegħed jagħmel l-appell. Il-Qorti tagħraf li l-għan tal-garanzija tal-ispejjeż hija ntiża sabiex tipproteġi l-interessi tal-imsejjaħ fil-kawża r-Reġistratur, u anki dawk tal-parti appellata, sabiex b'hekk jiġi assikurat il-ħlas tal-ispejjeż tal-proċedura. Tagħraf ukoll li mil-lat ta' likwidità ta' fondi, il-possibilità li l-partijiet eżenti mid-dispożizzjonijiet tas-subartikolu 249(4) tal-Kap. 12 jistgħu jippreżentaw xi riskju fir-rigward ta' ħlas tal-ispejjeż tal-appell, hija remota ferm, u għalhekk ġustament il-leġislatur ikkunsidra li dawn għandhom jiġu eżentati mill-obbligu*
*tal-kawtela. Fil-fehma tal-Qorti għalhekk, din l-eżenzjoni ma tista' tippreżenta l-ebda diskriminazzjoni u l-ebda nuqqas ta' parità ta' armi, għaliex hija msejsa fuq kunsiderazzjonijiet reali finanzjarji, u saħansitra fl-interess pubbliku.*

*22. Dwar l-ewwel talba tar-rikorrenti għas-sospensjoni pendente lite tal-effetti tas-sentenza tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla, kienet ġiet milqugħa provviżorjament minn din il-Qorti waqt l-udjenza tat-13 ta' Mejju, 2022. Iżda huwa ċar minn dak kollu li l-Qorti appena kkunsidrat, li m'hemm l-ebda lok għas-sospensjoni tas-sentenza in kwistjoni.»*

22. Ir-rikorrenti appellaw mis-sentenza tal-Ewwel Qorti permezz ta' rikors ippreżentat fid-19 ta' Diċembru, 2023 u ressqu tliet aggravji li se jiġu trattati aktar 'il quddiem.

23. L-Avukat tal-Istat wieġeb għal dan l-appell permezz ta' tweġiba tal-5 ta' Jannar, 2024 u għar-raġunijiet imsemmija minnu jgħid għaliex l-appell interpost għandu jiġi miċħud.

24. L-imsejjaħ fil-kawża l-Av Dr Robert Zammit wieġeb għal dan l-appell permezz ta' tweġiba tas-16 ta' Jannar, 2024 u ta r-raġunijiet għala l-appell għandu jiġi miċħud.

25. L-imsejjħa fil-kawża Francis Mamo u Nicolina Mamo wieġbu għal dan l-appell permezz ta' tweġiba tad-29 ta' April, 2024 u taw ir-raġunijiet għala l-appell għandu jiġi miċħud.

26. Rat li nżammu seduti u li f'dik tal-5 ta' Diċembru, 2024 li fiha l-partijiet ressqu s-sottomissjonijiet finali u dakinhar il-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum.

27. Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

**Konsiderazzjonijiet;**

28. Illi l-appellanti ressqu tliet aggravji. L-ewwel żewġ aggravji se jitqiesu f'daqqa billi huma marbuta ma' xulxin.

29. Permezz tal-ewwel aggravju, l-appellanti jgħidu li r-raġunament tal-Ewwel Qorti li r-Reġistratur kien imxekkel milli jirrilaxxja kwalunkwe flejjes miżmumin għandu li huma tagħhom jew li titrasferihom għal fuq kawtela oħra minħabba l-ordni ta' ffriżar huwa żbaljat. Jirreferu għall-każ deċiż mill-Qorti Ewropea fl-ismijiet ***Sharazova v. Malta*** fejn intqal li l-miżura tal-iffriżar tal-assi tal-applikant hija min-natura tagħha *«a harsh and restrictive measure»,* li għandha l-kapaċità li jkollha effett fuq id-drittijiet ta' sid sal-punt li l-attività ta' kummerċ tiegħu jew tagħha jew saħansitra l-

kundizzjonijiet tal-għixien jitqiegħdu f'periklu. Ir-rikorrenti jisħqu li dan kollu jrid jinqara flimkien mal-**Artikolu 5 tal-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta**. B'referenza għal dan l-artikolu jgħidu li meta persuna tkun milquta b'ordni ta' ffriżar dan ma jfissirx li *kwalsiasi* flus ta' dik il-persuna ma jistgħux jintmessu bl-ebda mod. Jgħidu li huma mistgħaġba kif il-kontro-parti u l-Qorti tal-Appell fid-digriet tagħha nsegwitu għar-rikors tagħhom warrbu l-provvediment tal-**Artikolu 5 tal-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta**.

30. Iżidu jgħidu li l-ammont depożitat permezz taċ-ċedola numru 145/2021 huwa ferm anqas mis-somma msemmija fil-*proviso* tal-**Artikolu 5 tal-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta,** ċjoè s-somma ta' €13,976.24, u b'hekk l-argument li r-Reġistratur ma kienx f'pożizzjoni li jawtorizza l-iżbank tad-depożitu huwa bla bażi legali, għaliex isostnu li huwa dritt legali li jiskatta b'mod awtomatiku u b'hekk jgħidu li kwalsiasi ċaħda tal-istess dritt iwassal għal sitwazzjoni ta' diskriminazzjoni u applikazzjoni abbużiva tal-liġi.

31. L-appellanti jgħidu wkoll li l-appellati ma jistgħux iressqu l-argument li hemm dubju rigward il-provenjenza leġittima *o meno* tal-flejjes depożitati biċ-ċedola, altriment *ex admissis* ikunu qegħdin jindikaw li qegħdin iwettqu ħasil ta' flus. Għaldaqstant huma jisħqu li l-flus inżammu milli jiġu żbankati minħabba nuqqas amministrattiv u xejn aktar. Jgħidu li

l-fatt li l-istess Reġistratur żbanka sehmu mill-flus inkwistjoni jxejjen kull argument li l-flus kienu milquta bl-ordni tal-iffriżar. Jew mod ieħor ikun ifisser li l-iżbank seħħ bi ksur tal-liġi hekk kif regolat mill-**Artikolu 6 tal-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta**.

32. Ir-rikorrenti ressqu t-tieni aggravju mingħajr ħsara għal dak ta' qablu. Jgħidu li meta jkun qiegħed jiġi mistħarreġ jekk huma kellhomx aċċess għall-ġustizzja mhux biżżejjed li wieħed jieqaf għall-fatt li r-rikors tal-appell ġie ppreżentat. Dan għaliex jekk il-Qorti tal-Appell ma tiddeċidix dak ir-rikors, bħalma ġara fil-każ tagħhom, jiġi daqslikieku l-ebda appell ma tressaq.

33. Jinsistu li r-rikors tal-appell tagħhom safa deżert minħabba li kemm ir-Reġistratur kif ukoll il-Qorti tal-Appell warrbu t-talbiet tagħhom li somma diġà depożitata tagħmel tajjeb għall-kawtela. Jisħqu li m'hemm xejn fil-liġi li somma depożitata bħala kawtela għal appell preċedenti ma tistax tintuża sabiex tagħmel tajjeb għal kawtela f'appell ieħor, u b'hekk jgħidu li l-Qorti tal-Appell tat deċiżjoni ħażina u li tali interpretazzjoni lleditilhom id-dritt tagħhom għal smigħ xieraq. B'żieda ma' dan jgħidu li ma jaqblux ma' dak li qalet il-Qorti tal-Appell għal mod ta' kif tinħadem il-kawtela. Skonthom, billi l-mertu taż-żewġ appelli kien jixxiebaħ, il-kawtela ma setgħetx tvarja wisq.

34. L-appellanti jissoktaw jgħidu li n-nuqqas ta' parità ta' armi li toħroġ mill-**Artikolu 249(4) tal-Kodiċi ta' Organiazzazzjoni u Proċedura Ċivili** ħarġet b'mod ċar fil-każ tagħhom. Dan billi tpoġġew f'pożizzjoni żvantaġġuża għall-aħħar minħabba l-qagħda finanzjarja prekarja tagħhom. Isostnu li hija sitwazzjoni kontradittorja fejn entitajiet bħall-banek li ma jiddefendux l-interess pubbliku u għandhom riżorsi finanzjarji konsiderevoli huma eżenti mill-ħlas tal-kawtela, filwaqt li persuni bħalhom ma setgħux jeżerċitaw dritt tagħhom ta' appell fil-forum ċivili mingħajr ma jħallsu somma konsiderevoli bħala kawtela. Dan meta jitqies li bank privat ma jistax jiġi preżunt li huwa likwidu għaliex kien hemm istanzi fejn entitajiet spiċċaw fi stat ta' falliment.

35. B'rabta ma' dan l-ilment, ir-rikorrenti mill-ġdid jgħidu li dak li wassal verament sabiex ma jitħallewx jiġbdu l-kawtela kien in-nuqqas tal-amminstrazzjoni tal-Qorti billi t-taxxa in relazzjoni mad-deċiżjoni tal-Prim'Istanza kienet għadha ma nħadmitx. Minkejja li huma ppruvaw kemm-il darba jixprunaw biex dan isir hekk kif tixhed il-korrispondenza esibita fl-atti. Fl-aħħarnett jargumentaw li ma kien jagħmel l-ebda sens legali fil-każ tagħhom li jitolbu li jinħelsu mill-ħlas tal-garanzija ladarba huma kellhom flus depożitati fir-Reġistru.

36. Qabelxejn, ikun utli li l-lanjanzi tal-appellanti jitqiesu fil-perspettiva proprja tagħhom. Huma jsostnu li bl-aġir tal-konvenuti ġarrbu ksur tad-dritt tagħhom għal smigħ xieraq u għall-aċċess għall-ġustizzja *ai termini* tal-**Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta** u tal-**Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali**; u jsostnu wkoll li l-ħtieġa tal-kawtela *ai termini* tal-**Artikolu 249(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** hija diskriminatorja u kisritilhom il-jedd tagħhom għall-aċċess għall-ġustizzja u għal smigħ xieraq *ai termini* tal-**Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta** u **tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea.**

37. Illi huwa magħruf li *«The right of access to a court for the purposes of Article 6 was defined in Golder v. the United Kingdom, 1975, §§ 28-36 (see, as a recent authority, Grzęda v. Poland [GC], 2022, §§ 342-343). Referring to the principles of the rule of law and the avoidance of arbitrary power which underlie the Convention, the Court held that the right of access to a court was an inherent aspect of the safeguards enshrined in Article 6 (Grzęda v. Poland [GC], 2022, § 298; Zubac v. Croatia [GC], 2018, §§ 76 et seq.)*[1]*».* Hekk ukoll, *«The right to a fair trial, as guaranteed by Article 6 § 1, requires that litigants should have an effective judicial remedy enabling them to assert their civil rights (Naït-Liman v. Switzerland [GC], 2018, § 112; Běleš and Others v. the Czech Republic,*

---

[1] Para 121

*2002, § 49)*[2]*».* (ara **Guide on Article 6 of the European Convention on Human Rights – Right to a Fair Trial (civil limb)** – aġġornat sad-29 ta' Frar, 2024)

38. Ġie mtenni mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha tat-2 ta' Marzu, 2009 fil-kawża fl-ismijiet ***L-Avukat Dottor Jean-Philippe Chetcuti et v. Maurice Vassallo Eminyan et,*** li *«Huwa risaput li d-dritt ta' aċċess għall-Qorti ma huwiex wieħed assolut. Fis-sentenza tal-Qorti ta' Strasbourg* ***Golder v. United Kingdom*** *tal-21 ta' Frar 1975 jingħad hekk f'paragrafu 38:"The court considers ... that the right of access to the Courts is not absolute ... there is room ... for limitations permitted by implication."* L-istess Qorti qalet hekk:

> *«L-istess Qorti spjegat x'limitazzjonijiet huma permessi fil-konfront tad-dritt ta' access għall-Qorti fost oħrajn fis-sentenza* ***Ashingdane v. United Kingdom*** *tat-28 ta' Mejju 1985 fejn f'paragrafu 57 inter alia jingħad hekk:*
>
> *"... the right of access to the courts ... may be subject to limitations; these are permitted by implication since the right of access "by its very nature calls for regulation by the State, regulation which may vary in time and in place according to the needs and resources of the community and of individuals" ... In laying down such regulation, the Contracting States enjoy a certain margin of appreciation.... Nevertheless, the limitations applied must not restrict or reduce the access left to the individual in such a way or to such an extent that the very essence of the right is impaired ... Furthermore, a limitation will not be compatible with Article 6, paragraph 1 (art. 6-1), if it does not pursue a legitimate aim and if there is not a reasonable relationship of proportionality between the means employed and the aim sought to be achieved."*
>
> *L-imsemmi Artikolu 6(1) ma jaghti l-ebda dritt ta' appell u wisq anqas ta' ritrattazzjoni. Madanakollu, il-ġurisprudenza tal-Qorti ta' Strasbourg stabbiliet ukoll illi jekk l-iStat iwaqqaf proċedura ta' appell (u allura anke ta' ritrattazzjoni), l-istess Stat ikun obbligat li jiggarantixxi li kull persuna fil-ġurisdizzjoni tiegħu, tkun tista' tgawdi waqt il-proċedura ta' l-appell*

[2] Para 122

*(jew ta' ritrattazzjoni) id-drittijiet fondamentali kollha li jemanaw mill-imsemmi Artikolu 6(1). Madanakollu, wieħed ikun obbligat li jżomm quddiem għajnejh il-fattispeċi partikolari tal-proċeduri involuti, fid-dawl tal-proċess fl-assjem (sħiħ) tiegħu.*

*Fil-każ* ***Tolstoy Miloslevskys v. United Kingdom*** *deċiż mill-Qorti ta' Strasbourg fit-13 ta' Lulju 1995, dik il-Qorti kellha "inter alia" tiddeċiedi jekk l-applikant, li kien ġie mġiegħel jiddepożita fiż-żmien ta' erbatax-(14) il ġurnata s-somma ta' £124,900 bħala garanzija għall-ispejjeż ta' l-appell, kellux id-dritt tiegħu ta' aċċess għall-Qorti tal-Appell leż, billi hu effettivament kien safa impedut milli jeżerċita dak id-dritt b'kundizzjoni li jiddepożita l-imsemmija somma li kienet waħda sproporzjonata. Dik il-Qorti rrimarkat hekk f'para 61 et seq:*

*"The Court considers that the security for costs order clearly pursued a legitimate aim, namely to protect Lord Aldington from being faced with an irrevocable bill for legal costs if the applicant were unsuccessful in the appeal ... like the Government and the Commission, the Court is unable to share the applicant's view that the security for costs order impaired the very essence of this right of access to count and was disproportionate for the purposes of Article 6 ... In the light of the foregoing, the court does not find that the national authorities overstepped their margin of appreciation in setting the conditions which they did for the applicant to pursue his appeal in the Court of Appeal. It cannot be said that those conditions impaired the essence of the applicant's right of access to court or were disproportionate for the purposes of Article 6(1) ... Accordingly, there has been no violation of that provision".»*

39. Hekk ukoll fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fil-kawża fl-ismijiet ***Neil Carter et v. L-Onorevoli Prim Ministru et,*** ġie mfisser li għalkemm ma jissemmiex espressament bħala jedd fih innifsu, il-jedd għall-aċċess effettiv għall-ġustizzja huwa meqjus bħala element meħtieġ għall-ħarsien sħiħ tal-jedd għal smigħ xieraq, l-aktar minn limitazzjonijiet li l-istat jista' jaħseb li jagħmel u li jfixklu lil min ikun milli jkun jista' jitlob it-tħaris ta' jeddijietu, l-aktar jekk kemm-il darba tali limitazzjonijiet ikunu formalistiċi jew li fuqhom il-persuna mġarrba ma jkollha l-ebda kontroll (ara sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali maqtugħa fit-12 ta' Jannar, 2011 fil-kawża fl-ismijiet ***Stephen Schembri v. L-Avukat Ġenerali***). Kemm l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u kif ukoll l-**Artikolu 6(1)**

**tal-Konvenzjoni** tfissru bħala dispożizzjonijiet li mhux biss jiggarantixxu dritt ta' smigħ xieraq fi proċediment mibdi dwar il-ħarsien ta' jedd jew obbligazzjoni ċivili, iżda wkoll dritt għal smigħ xieraq b'ħarsien ta' jedd jew obbligazzjoni bħal dawk. Dan il-jedd jinkludi fih il-fażijiet u l-aspetti kollha marbuta mal-proċess ġudizzjarju, magħduda dawk dwar l-ispejjeż li jidħlu fi proċedimenti biex jitħarsu dawk il-jeddijiet u dawk l-obbligi (**Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak Theory & Practice of the European Convention on Human Rights** (4th Edit, 2006), § 10.4, f'paġ. 557 – 563).

40. Il-Qorti f'din l-aħħar sentenza fissret li *«Illi huwa madankollu daqstant ieħor magħruf li l-jedd ta' aċċess għal qorti m'huwiex wieħed mingħajr limiti jew assolut. Minbarra każijiet fejn il-persuna nnifisha tagħżel minn rajha li tirrinunzja għal proċedura li setgħet tinqeda biha, huwa aċċettat li hemm limitazzjonijiet oħra li jistgħu jikkontrollaw aċċess għal qorti jew saħansitra jneħħuh, bħalma huma regoli dwar persuni li ma jistgħux ikunu f'ġudizzju jew fil-każ ta' żminijiet ta' preskrizzjoni jew termini stabiliti biex wieħed jadixxi qorti jew tribunal, jew fil-każ li l-liġi tkun tipprovdi għal proċeduri alternativi.»*

41. Sfiq ma' dan, *«The "right to a court" and the right of access are not absolute. They may be subject to limitations, but these must not restrict or reduce the access left to the individual in such a way or to such an*

*extent that the very essence of the right is impaired (**Stanev v. Bulgaria** [GC], 2012, § 229; **Baka v. Hungary** [GC], 2016, § 120; **Naït-Liman v. Switzerland** [GC], 2018, § 113; **Philis v. Greece** (no. 1), 1991, § 59; **De Geouffre de la Pradelle v. France, 1992, § 28**). Furthermore, a limitation will not be compatible with Article 6 § 1 if it does not pursue a legitimate aim and if there is not a reasonable relationship of proportionality between the means employed and the aim sought to be achieved (**Lupeni Greek Catholic Parish and Others v. Romania** [GC], 2016, § 89; **Naït-Liman v. Switzerland** [GC], 2018, § 115).»*[3] (ara **Guide on Article 6 of the European Convention on Human Rights – Right to a Fair Trial (civil limb)** – aġġornat sad-29 ta' Frar, 2024)

42. Illi meta dawn il-prinċipji jitħaddmu għall-każ tagħna jirriżulta li bħala fatt l-appellanti ressqu appell mis-sentenza finali mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fir-rikors numru 277/2018. Bħala stat ta' fatt, dan kien it-tieni appell tagħhom fl-istess proċeduri. Mhux kontestat li huma kienu ressqu b'suċċess appell mis-sentenza tal-Ewwel Qorti tat-28 ta' Jannar, 2021 li kienet laqgħet eċċezzjoni preliminari u xeħtet il-kawża 'l barra. Sabiex jissokta dan l-appell (l-ewwel wieħed), l-appellanti kienu mitluba skont l-**Artikolu 249(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** li jħallsu l-kawtela li kienet fl-ammont ta' €2,285.56[4]. B'riżultat tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell, l-atti ntbagħtu lura lill-Ewwel

---

[3] Para 124
[4] F'paġna 17 tal-proċess

Qorti li stħarrġet il-mertu u ddeċidiet il-kawża billi ma laqgħetx it-talbiet attriċi. Kien għalhekk li l-miżżewġin Falzon iddeċidew li jressqu appell minn din l-aħħar sentenza. Naturalment huma ntalbu jħallsu l-kawtela sabiex l-appell tagħhom jissokta. Din id-darba l-ammont mitlub kien fl-ammont ta' €3,153.

43. L-appellant skont il-provi mressqa kien ilu milqut b'ordni ta' ffriżar permezz ta' digriet mogħti fit-13 ta' Lulju, 2015 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti Struttorja u fiż-żmien li tressaq dan ir-rikors promotur kien detenut fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin. B'hekk l-appellanti jgħidu li sabuha diffiċli jiddepożitaw is-somma mitluba biex tagħmel tajjeb għall-kawtela tat-tieni appell. Rinfaċċjati b'din id-diffikultà huma nsistew li jiżbankaw is-somma li kienet ġiet depożitata permezz taċ-ċedola numru 145/2021. Ir-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali ma laqax din it-talba.

44. Filwaqt li r-rikorrenti jinsistu li r-raġuni għal tali ċaħda kien in-nuqqas amministrattiv tal-istess Reġistratur li tinħadem it-taxxa tal-Ewwel Istanza, din it-teżi mhux imsaħħa mill-provi. Mod ieħor jingħad li filwaqt li hemm korrispondenza bejn l-Avukat u uffiċjali tal-Qorti biex tinħadem it-taxxa, biss però ma jirriżultax li din kienet ir-raġuni vera għaliex ma sarx l-iżbank. Mix-xhieda ta' Charmaine Bugeja (seduta tas-6 ta' Diċembru, 2023), Assistent Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali, jirriżulta li minħabba l-ordni ta' ffriżar il-flus inkwistjoni ma setgħux jiġu rilaxxati. Biss irriżulta

wkoll bħala fatt li l-istess Reġistratur żbanka s-somma ta' €650 fit-12 ta' Lulju, 2021 mill-istess somma depożitata ta' €2,285.56[5].

45. L-appellanti, hekk kif ġew notifikati bl-avviż tal-ħlas tal-kawtela, ressqu rikors quddiem il-Qorti tal-Appell nhar id-29 ta' Novembru, 2021 li permezz tiegħu talbuha sabiex (i) tistabilixxi l-kawtela pagabbli b'rabta mal-appell minnhom imressaq u dan wara li tinħadem it-taxxa tal-ispejjeż sa dak l-istadju; u (ii) talbuha tordna li ċ-ċedola bin-numru 145/2021 isservi għall-ħlas tal-kawtela min-naħa tagħhom.

46. Il-Qorti tal-Appell ċaħdet it-talba tar-rikorrenti permezz tad-digriet tal-1 ta' Diċembru, 2021 li jaqra hekk:

> *«Fl-ewwel lok il-kawtela nħadmet fuq it-taxxa tal-ewwel qorti kif jidher mill-istess faċċata tal-proċess. Fit-tieni lok ma jirriżultax lil din il-Qorti ebda artiklu tal-liġi li jippermetti użu ta' kawtela għall-kawtela oħra u għalhekk tiċħad it-talba.»*

47. Il-ħlas baqa' ma sarx mill-appellanti u b'hekk permezz ta' digriet tas-17 ta' Jannar, 2022 l-appell ġie dikjarat deżert. Għaldaqstant, l-istess rikorrenti ressqu rikors quddiem il-Qorti tal-Appell nhar it-18 ta' Jannar, 2022 li permezz tiegħu talbu hekk:

> *«1.Tappunta dan ir-rikors għas-smigħ.*
> *2.Tawtorizza lill-esponenti jiżbankaw iċ-ċedola tal-20 ta' April, 2021, bin-numru 145/2021 u tikkonċedilhom terminu li fihom jiddepożitaw l-istess flus bħala kawtela għal dan l-appell.*
> *3. Alternattivament taċċetta li l-istess ċedola tibqa' depożitata, però*

[5] Paġna 20 tal-proċess

*isservi ta' kawtela għall-appell fl-ismijiet premessi.*
*4. Konsegwentement tirrevoka contrario imperio d-digriet tagħha tas-17 ta' Jannar 2022.»*

48. Permezz ta' digriet tas-7 ta' Marzu, 2022, il-Qorti tal-Appell ċaħdet it-talbiet tar-rikorrenti, bl-ispejjeż kontrihom għal dawn ir-raġunijiet:

> *«Il-Qorti tqis li r-rikorrenti ma għandhomx raġun.*
>
> *Fl-ewwel lok, il-kawtela tiġi maħduma bl-iskop li jkun jista' jimxi l-appell (għall-finijiet biss ta' garanzija għall-ispejjeż tar-Reġistru u dritt tal-avukat u l-prokuratur legali). Dan l-eżerċizzju jkun differenti mill-intaxxar ta' spejjeż ġudizzjarji ta' kawża u ż-żewġ proċessi huma differenti u għalkemm ir-reġistratur jista' jirreferi għall-ispejjeż in prim istanza mhux marbut bihom billi l-appell jista' ma jmiss is-sentenza kollha tal-ewwel Qorti iżda parti minnha. F'dan il-każ hekk seħħ u t-taxxa sħiħa tal-ewwel Qorti jew tal-ewwel appell ma għandhiex ir-rilevanza li qed jinsisti dwarha r-rikorrent għall-finijiet tal-ħadma tal-kawtela.*
>
> *Ir-reġistratur fil-fatt ħadem il-kawtela fuq dak dikjarat u deċiż skont it-talbiet. Fuq il-qoxra tal-proċess u fil-parti ta' ġewwa tal-qoxra jidhru l-kalkoli tar-reġistratur fid-diversi fażijiet tal-kawża rigward il-kawtela dovuta u li biha ġew notifikati l-appellanti. Jekk l-appellanti ma qablux ma' dan il-kalkolu kellhom il-mezzi biex jattakkawh iżda r-rikorrenti ma utilizzawx dan il-mezz.*
>
> *Fit-tieni lok, il-garanzija depożitata fl-appell preċedenti (ċedola 145/2021) ma tistax tintuża għall-fini ta' appell differenti liema garanziji jinħadmu speċifikament għall-appell partikolari u għalhekk tvarja fl-ammont dovut iktar u iktar meta f'dan il-każ il-garanzija depożitata b'ċedola hi soġġetta għal ordni ta' ffriżar u ma hix ser isservi bħala garanzija għall-ħlas tar-Reġistru u dritt tal-avukat u tal-prokuratur legali.»*

49. Illi safejn l-appellanti jilmentaw dwar l-interpretazzjoni ħażina li tat il-Qorti tal-Appell, din il-Qorti tibda billi tirrileva li l-funzjoni tagħha f'dawn il-proċeduri mhix sabiex tkun Qorti ta' Reviżjoni għad-digriet mogħti mill-Qorti tal-Appell nhar is-7 ta' Marzu, 2022. Miżmum dan, però ma tistax ma tgħidx ukoll li hija taqbel mad-digriet imsemmi fis-sħiħ u m'hemm

assolutament xejn x'wieħed jiċċensura.

50. Illi ibda biex l-appellanti mkien ma jikkontestaw l-obbligu tal-għoti tal-garanzija għall-ispejjeż fih innifsu. Hekk kif fissret il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tagħha tas-27 ta' Marzu, 2020 fl-ismijiet ***Alfred Baldacchino et v. L-Avukat Ġenerali et,*** **«***Garanzija li tingħata qabel ma jinstema' l-appell u tkopri l-ispejjeż kollha ġudizzjarji tal-appell, ċjoè dawk tar-Reġistru u spejjeż legali tal-avukat u prokuratur legali tal-appellat. Dan ovvjament sabiex jekk l-appell ma jkollux eżitu favorevoli għall-appellant, ikun hemm garanzija li tkopri l-ispejjeż tar-Reġistru u l-ispejjeż tal-avukat u prokuratur legali tal-parti l-oħra. B'hekk ir-reġistratur u l-parti l-oħra ma jkollhomx bżonn joqgħodu jiġru wara l-appellant sabiex jiġbru l-ispejjeż ġudizzjarji, fl-eventwalità li l-appell ikun miċħud.»* Dik il-Qorti kompliet tfisser li *«Dan apparti li l-liġi tikkontempla proċedura sabiex appellant jagħti l-garanzija bil-ġurament minflok li jagħti garanzija għall-ispejjeż permezz ta' depożitu jew garanzija bankarja, u għalhekk jeżisti rimedju jekk appellant m'għandux il-mezzi sabiex jagħti l-garanzija meħtieġa.»*

51. M'hemmx dubju li l-ħlas tal-garanzija huwa għan leġittimu. Kif rajna dak li qegħdin jilmentaw minnu l-appellanti huwa l-imġiba tar-Reġistratur u l-Qorti tal-Appell. Dwar ir-Reġistratur diġà rajna li mill-provi mressqa rriżulta li l-ammont ma ġiex żbankat minħabba l-ordni ta' ffriżar li kien

viġenti u mhux kif baqgħu jirrepetu l-appellanti li r-raġuni kienet għaliex ma nħadmitx it-taxxa tal-ewwel istanza. Ħadd ma qajjem il-kwistjoni tal-leġittimità tal-flus. Dwar l-ordni tal-iffriżar, l-appellanti jirreferu għall-**Artikolu 5 tal-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta** u jsostnu li huma kellhom dritt għall-ammont imsemmi mil-liġi u li l-ammont mitlub ma kienx jiżboq dak l-ammont. Din il-Qorti jidhrilha li dan l-argument imressaq mill-appellanti mhu fejjiedi xejn. Donnhom l-appellanti ppretendew li kellu jkun ir-Reġistratur jew saħansitra l-Qorti tal-Appell li jvarjaw dik l-ordni ta' ffriżar jew li jagħtuhom id-dritt li jiżbankaw minkejja l-ordni. Minn qari akkurat tal-artikolu, kif viġenti fiż-żmien inkwistjoni[6], jirriżulta li semmai kien jinkombi fuq l-akkużat innifsu li jressaq talba quddiem il-Qorti ta' kompetenza kriminali sabiex jingħata l-awtorizzazzjoni li jiġbed is-somma li tkun meħtieġa. L-awtorizzazzjoni mill-Qorti ta' kompetenza kriminali kellha tinġieb, u ċertament ma kinitx taqa' fil-poter tal-Qorti tal-Appell li tordna l-iżbank jew li somma tagħmel tajjeb għal oħra. L-appellanti, għal raġunijiet li jafu huma biss, ma ressqu ebda talba simili.

52. L-appellanti jsostnu li ladarba r-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali ġibed is-somma ta' €650 mill-ammont depożitat, dan il-fatt għandu jxejjen l-argument li l-flus ma setgħux jiġu żbankati minħabba l-ordni ta' ffriżar. Filwaqt li huwa minnu li r-Reġistratur ġibed il-flus, dan waħdu xorta ma jfissirx li r-raġuni għalfejn flushom ma ġewx rilaxxjati ma kinitx minħabba

[6] Dan l-artikolu ġie sostitwit permezz tal-Att VI tas-sena 2024

l-ordni ta' ffriżar. Fuq kollox, jekk il-ġbid tal-flus mir-Reġistratur setax isir jew le minħabba l-ordni ta' ffriżar din hija materja li tista' tiġi deċiża biss mill-Qorti ta' kompetenza kriminali. Ġaladarba ma jirriżultax mill-atti li ttieħdet xi deċiżjoni minn dik il-Qorti li l-ġbid sar bi ksur ta' xi ordni ta' ffriżar, mela l-preżunzjoni hija li dak il-ġbid sar kif imiss. B'żieda ma' dan, ma jistax jintesa li s-somma ta' €650 rappreżentanti spejjeż tar-Reġistru kienet tappartjeni *ab initio* lir-Reġistratur billi d-dritt tar-Reġistratur huwa pagabbli dejjem minn min jistitwixxi l-proċedura, u fil-każ tal-appell huwa pagabbli dejjem mill-appellant. Sintendi meta l-appell jiġi milqugħ bl-ispejjeż, l-appellant ikollu dritt jirkupra dak l-ammont mill-appellat sokkombenti. Jiġi b'hekk li żgur li m'hemmx dubju li l-ammont miġbud mir-Reġistratur kien dovut lilu. Din il-Qorti terġa' ttenni li jekk il-ġbid ta' dan l-ammont, meqjus l-ordni ta' ffriżar, sarx skont il-liġi, hija materja ta' Qorti ta' kompetenza kriminali. Biss però li huwa żgur hu li s-sitwazzjoni tal-appellant Falzon ma tistax titqabbel ma' dik tar-Reġistratur għal dawk li huma flus milquta b'ordni ta' ffriżar.

53. Barra minn hekk, il-kawtela li kienet depożitata għall-ewwel appell ma kinitx fi kwalunkwe każ biżżejjed biex tkopri l-ħlas għat-tieni kawtela għaliex l-ammonti ma kienux indaqs. Imbagħad ladarba r-Reġistratur żbanka €650 kien hemm ferm anqas. Allura kwalunkwe argument min-naħa tal-appellanti li d-depożitu għall-ewwel kawtela kien biżżejjed mhux siewi.

54. Fuq kollox, sewwa jgħidu l-appellati li l-miżżewġin Falzon, għar-raġunijiet mhux magħrufa, ma ressqux talba quddiem il-Qorti tal-Appell sabiex jiġu ammessi għall-benefiċċju tal-garanzija bil-ġurament. Jirriżulta mill-atti li l-istess appellanti fi proċeduri oħra kienu talbu lill-Qorti tal-Appell tammettihom għal dan il-benefiċċju. Huma kienu ddikjaraw li ma kellhomx mezz biex iħallsu l-kawtela mitluba minnhom sabiex l-appell imressaq minnhom jinstema'. Kienu fissru li kien hemm żewġ ordnijiet ta' ffriżar, mandat ta' inibizzjoni u atti ta' subbasta, apparti debiti kbar mal-banek lokali u numru ta' mandati kawtelatorji maħruġa kontrihom. Il-Qorti tal-Appell ordnat lill-appellant jesebixxi prospett tal-attiv u l-passiv tiegħu u wara li qieset kollox, il-Qorti eżentat lill-konjuġi Falzon milli jippreżentaw garanzija għall-ispejjeż tal-appell.

55. Ma kien hemm xejn x'iwaqqafhom milli jagħmlu l-istess anke fil-każ li qegħdin niddiskutu llum u b'hekk jiġu ammessi għall-benefiċċju tal-*cautio iuratoria*. Dan kien rimedju alternattiv u li seta' kien effettiv bħalma kienu diġà esperjenzaw qabel. L-argument li huma ma rrikorrewx għal dan ir-rimedju minħabba li kellhom il-flus depożitati permezz taċ-ċedola huwa argument dgħajjef kemm għaliex s-somma depożitata xorta ma kinitx biżżejjed, kemm għaliex kien għad hemm l-ordni ta' ffriżar u għalkemm l-ammont mitlub ma kienx kbir iżda għalihom fiċ-ċirkostanzi

seta' tqis bħala li huma ma setgħux jiġbru dik is-somma minħabba ċ-ċirkostanzi tagħhom.

56. Fid-dawl ta' dan kollu, din il-Qorti ma ssibx li r-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali u kif ukoll id-digrieti tal-Qorti tal-Appell b'xi mod xekklu l-jedd tar-rikorrenti għall-aċċess għall-ġustizzja u l-jedd tas-smigħ xieraq tagħhom.

57. Ngħaddu issa għall-ilment li l-**Artikolu 294(4) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivil**i huwa diskriminatorju u huma sfaw diskriminati billi entitajiet tal-gvern, korporazzjonijiet pubbliċi u banek huma eżenti mill-ħtieġa li jagħmlu l-garanzija għall-ispejjeż tal-kawża. Jgħidu li dan joħloq diskriminazzjoni netta bejn il-gvern u speċjalment il-banek fuq naħa u l-individwu fuq naħa oħra u jxejjen il-prinċipju tal-parità tal-armi.

58. Illi fis-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) tad-9 ta' Diċembru, 2024 fl-ismijiet ***Paul Zammit v. L-Awtorità tal-Artijiet et*** ġie mfisser li:

> *«**L-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni** fil-parti rilevanti tiegħu għall-fini tal-każ tal-lum jipprovdi hekk –*
>
> *"(1) ….ebda liġi ma għandha tagħmel xi disposizzjoni li tkun diskriminatorja sew fiha nnifisha jew fl-effett tagħha." waqt illi fit-tieni subartikolu jghid illi : "ħadd ma għandu jiġi trattat b`mod diskriminatorju minn xi persuna li taġixxi bis-saħħa ta` xi liġi miktuba jew fil-qadi tal-funzjonijiet ta` xi kariga pubblika jew xi awtorità pubblika."*
> *[…..]*

*(3) F'dan l-artikolu il-kelma "diskriminatorju" tfisser għoti ta` trattament differenti lil persuni differenti attribwibbli għal kollox jew prinċipalment għad-deskrizzjoni tagħhom rispettiva skont ir-razza, post ta' oriġini, opinjonijiet politiċi, kulur, fidi, sess, orjentazzjoni sesswali jew identità tal-ġeneru li minħabba fihom persuni ta` deskrizzjoni waħda bħal dawn ikunu suġġetti għal inkapaċitajiet jew restrizzjonijiet li persuni ta` deskrizzjoni oħra bħal dawn ma jkunux suġġetti għalihom jew ikunu mogħtija privileġġi jew vantaġġi li ma jkunux mogħtija lil persuni ta` deskrizzjoni oħra bħal dawn."*

***L-artikolu 14 tal-Konvenzjoni** jipprovdi hekk –*

*"It-tgawdija tad-drittijiet u libertajiet kontemplati f'din il-Konvenzjoni għandha tiġi assigurata mingħajr diskriminazzjoni għal kull raġuni bħalma huma s-sess, razza, kulur, lingwa, reliġjon, opinjoni politika jew opinjoni oħra, oriġini nazzjonali jew soċjali,assoċjazzjoni ma' minoranza nazzjonali, proprjetà, twelid jew status ieħor."*

*Dwar dawn iż-żewg artikoli, fil-każ Michael Anthony Henley vs Il-Prim Ministru et deċiż fil-15 ta' Frar 2002 ingħad hekk –*

*"[f]ilwaqt illi l-Artikolu 45 jipprojbixxi d-diskriminazzjoni fil-liġijiet in ġenerali, fl-effetti tagħhom u fl-applikazzjoni tagħhom (eż. minn uffiċjali pubbliċi), l-Artikolu 14 jiggarantixxi biss mid-diskriminazzjoni "it-tgawdija tad-drittijiet u libertajiet kontemplati [fil-] Konvenzjoni". Dritt jew liberta` li ma jaqax jew ma taqax raġjonevolment b'xi mod fl-ambitu ta' xi wieħed mill-Artikoli 2 sa 13 tal-Konvenzjoni ma jistax ikun is-suġġett ta' tutela taħt l-Artikolu 14."*

*Ingħad ukoll fil-każ Il-Pulizija vs John Aquilina et deċiż fit-23 ta' Lulju 2008-*

*"[b]iex jiġi mistħarreġ l-ilment taħt l-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni, il-Qorti jidhrilha xieraq li jingħad illi llum il-ġurnata huwa stabbilit sewwa illi biex jitqies illi jkun ingħata trattament diskriminatorju kontra persuna, jeħtieg jirriżulta li (a) jkun ingħata lil persuna trattament differenti minn dak mogħti lil persuna jew għadd ta' persuni oħrajn (b) li jkunu fl-istess qagħda jew waħda li tixbaħha, (c) liema trattament differenti ma jkunx oġġettivament jew raġjonevolment mistħoqq jew (d) jekk f'dak it-trattament tkun nieqsa l-proporzjonalita` bejn l-għan mixtieq u l-mezz uzat."*

*Mis-suespost jirriżulta li l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni m'għandux eżistenza u applikazzjoni awtonoma iżda jeħtieġ li jkun marbut ma' xi artikolu ieħor tal-Konvenzjoni.»*

59. Illi mingħajr ebda dubju meħud in konsiderazzjoni l-għan tal-kawtela hekk kif imfisser aktar ‘il fuq, kemm il-Gvern ta’ Malta, il-Bank Ċentrali u banek, aktar iva milli le, se jkollhom biżżejjed riżorsi finanzjarji biex iħallsu l-ispejjeż tar-Reġistru u d-drittijiet tal-Avukat u tal-prokuratur legali fil-każ li l-appell jintilef minnhom. Verament bank jew entità tista’ tfalli, biss però l-probabbiltà hija ferm aktar remota meta titqabbel ma’ sitwazzjoni ta’ individwu li jista’ jkun qiegħed jippreżenta appell biex itawwal iż-żmien (għalkemm naturalment mhux dejjem ikun il-każ) sabiex iħallas dak dovut li jisfa bla mezzi biżżejjed biex jissodisfa l-obbligi tiegħu. Ma tissussisti ebda diskriminazzjoni. Ebda trattament differenti għal persuni li jinsabu fl-istess qagħda. Magħdud ma’ dan, kif diġà rajna, ġie deċiż mill-Qrati tagħna u anke *in linea* ma’ dak deċiż mill-Qorti Ewropea, l-impożizzjoni ta’ ħlas ta’ kawtela sabiex l-appell ta’ individwu jissokta għandu għan leġittimu u mhux meqjus bħala li huwa ta’ xkiel għall-jedd ta’ aċċess għall-ġustizzja u għall-jedd ta’ smigħ xieraq.

60. Għaldaqstant l-ewwel żewġ aggravji se jiġu miċħuda.

61. Fadal għalhekk l-aħħar aggravju tal-appellanti li jirrigwarda dik il-parti tas-sentenza tal-Ewwel Qorti fejn ħelset lill-Avukat tal-Istat mill-ħarsien tal-ġudizzju billi sabet li mhux leġittimu kontradittur. L-appellanti jgħidu li huma ma jaqblux mar-raġunament tal-Ewwel Qorti billi għalkemm

ir-Reġistratur għandu l-funzjoni li jmexxi r-Reġistru partikolari li għalih ġie assenjat, ma jfissirx li huwa vestit bir-rappreżentanza legali quddiem il-Qorti. Jissoktaw jgħidu li r-Reġistratur tal-Qorti ddaħħal bħala parti fil-proċeduri odjerni biss għal finijiet ta' integrità ta' ġudizzju, peress li l-ewwel talba tagħhom kienet qiegħda titlob is-sospensjoni tal-effetti ta' sentenza li fiha r-Reġistratur kien parti bħala miżura interim sakemm jiġu konklużi l-proċeduri kostituzzjonali tal-lum. Jirreferu għas-**subinċiż (2) tal-Artikolu 181B (2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** u jgħidu li dan is-subinċiż jikkontempla proprju s-sitwazzjoni li l-Qorti tinsab rinfaċċjata biha fil-każ tal-lum.

62. Fit-tweġiba tiegħu l-Avukat tal-Istat jirreferi għat-tieni talba tar-rikorrenti li speċifikatament tilmenta mill-aġir tal-intimat. Jgħidu li mir-rikors promotur wieħed jiddeduċi li l-aġir li wassal għall-ilment tar-rikorrenti kien in-nuqqas amministrattiv ċjoè n-nuqqas tal-ħdim tat-taxxa. Għalhekk jgħid li huwa evidenti li l-Avukat tal-Istat ma jaħdimx it-taxxa ta' spejjeż ta' kawżi imma dan ix-xogħol huwa fdat lir-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali skont l-**Artikolu 64(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**. Jgħid li jekk it-talbiet rikorrenti jippreċiżaw li huwa dan in-nuqqas li qegħdin jattakkaw mela huwa ċar li l-Avukat tal-Istat ma jistax jirrispondi għal dan.

63. Illi l-Artikolu 181B (2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jipprovdi li: *«L-Avukat tal-Istat jirrappreżenta biss lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet ġudizzjarji li minħabba n-natura tat-talba ma jkunux jistgħu jiġu diretti kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartiment l-oħra tal-Gvern.»*

64. Illi fl-ewwel lok, din il-Qorti tinnota li fit-tweġiba tiegħu l-Avukat tal-Istat kien eċċepixxa li huwa mhux leġittimu kontradittur għal dik li hija t-tieni talba tar-rikorrenti, u mhux ukoll għall-bqija tat-talbiet kif donnu fehmet l-Ewwel Qorti. Magħdud ma' dan, jingħad li meta r-rikorrenti fit-tieni talba tagħhom isemmu "l-aġir tal-intimat" sa dak l-istadju l-uniku intimat kien l-Avukat tal-Istat.

65. Kif rajna, l-ilment tar-rikorrenti ma kienx jippernja biss fuq l-imġiba tar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali (li ġustament issejjaħ fil-proċeduri) iżda wkoll għaliex huma kienu qegħdin jisħqu li anke d-digrieti tal-Qorti tal-Appell bl-interpretazzjoni li ngħatat xekklet id-dritt tagħhom għall-aċċess għall-ġustizzja u għal smigħ xieraq. Għaldaqstant safejn kienu qegħdin jiġu attakkati digrieti tal-Qorti l-Avukat tal-Istat ma jistax jgħid li mhux leġittimu kontradittur. Għal dak li hija t-tielet talba fejn ir-rikorrenti sostnew li l-ħtieġa tal-kawtela *ai termini* tas-**subinċiż (4) tal-artikolu 249(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** hija

diskriminatorja, ladarba kien qiegħed jiġi attakkat it-tħaddim ta' artiklu tal-liġi m'hemmx ukoll dubju li huwa l-Avukat tal-Istat li jrid iwieġeb għal xilja bħal dik.

66. Kemm hu hekk, il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża fl-ismijiet ***Josephine Wadi v. L-Avukat Ġenerali et,*** maqtugħa fit-12 ta' Lulju, 2023 fissret li *«huwa l-Avukat tal-Istat li jirrispondi għall-ilmenti relatati ma' liġijiet fid-dawl tal-Artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 2(1) tal-Att XXV tal-2019. L-Avukat tal-Istat ukoll jirrispondi fejn l-ilment ikun dwar il-mod kif inhi organizzata s-sistema ġudizzjarja, nuqqas ta' riżorsi u lmenti simili għall-istess raġuni.»*

67. Għaldaqstant dan it-tielet aggravju se jintlaqa'.

**Deċiżjoni;**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda **tilqa'** biss f'parti l-appell tar-rikorrenti Falzon u għaldaqstant tvarja s-sentenza appellata billi ssib li l-Avukat tal-Istat huwa leġittimu kontradittur u għaldaqstant tħassar dik il-parti tas-sentenza fejn l-Ewwel Qorti laqgħet is-sitt u s-seba' eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat u minflok tiċħad is-sitt u s-seba' eċċezzjonijiet tiegħu, u mill-bqija tikkonferma s-sentenza appellata fis-sħiħ.

L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom jinġarru inkwantu għal sehem wieħed minn għaxra mill-Avukat tal-Istat (1/10) u disgħa minn għaxra (9/10) mir-rikorrenti Falzon.

| | | |
|---|---|---|
| Grazio Mercieca<br>Aġent President | Josette Demicoli<br>Imħallef | Mark Simiana<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
jb